ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 168

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

28 ta' Ġunju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura** ........ 1

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kunsill**

2007/435/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"** ........ 18

2

MT

Atti li t-titoli tagħhom jiġu ppubblikati b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarjiet agrikulturali, u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-kumplament ta' l-atti huma ppubblikati b'tipa skura u preċeduti b'asterisk.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 708/2007

## tal-11 ta' Ġunju 2007

## dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat, il-ħtiġiet tal-protezzjoni ambjentali jridu jkunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet Komunitarji, partikolarment bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

(2) L-akkwakultura hija settur li qed jikber malajr fejn l-innovazzjoni u ftuħ ġodda qed jiġu esplorati. Sabiex il-produzzjoni tiġi adattata għall-kundizzjonijiet tas-suq, huwa importanti li l-industrija ta' l-akkwakultura tiddiversifika l-ispeċi li jitrabbew.

(3) L-akkwakultura fl-imgħoddi bbenefikat ekonomikament mill-introduzzjoni ta' speċi aljeni u t-traslokazzjoni ta' speċi li ma jinstabux lokalment (per eżempju r-*rainbow trout*, il-gajdra tal-Paċifiku u s-salamun) u l-objettiv ta' politika għall-ġejjieni huwa li jiġu ottimizzati l-benefiċċji marbuta ma' l-introduzzjonijiet u t-traslokazzjonijiet filwaqt li fl-istess ħin jiġu evitati t-tibdil fl-ekosistemi, issir prevenzjoni ta' interazzjoni bijoloġika negattiva, inkluż it-tibdil ġenetiku, ma' popolazzjonijiet indiġeni u jiġi ristrett it-tixrid ta' speċi mhux fil-mira u l-impatti negattivi fuq il-ħabitats naturali.

(4) Speċi aljeni invażivi ġew identifikati bħala waħda mill-kawżi ewlenin tat-telfien ta' speċi indiġeni u tal-ħsara għall-bijodiversità. Skond l-Artikolu 8(h) tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (is-CBD), li għaliha l-Komunità hija Parti, il-Partijiet Kontraenti huma meħtieġa, kemm jista' jkun u kif inhu xieraq, jipprevjenu l-introduzzjoni ta', jikkontrollaw jew jeqirdu dawk l-ispeċi aljeni li jheddu lill-ekosistemi, il-ħabitats jew l-ispeċi. B'mod partikolari, il-Konferenza tal-Partijiet għas-CBD adottat id-Deċiżjoni VI/23 dwar l-ispeċi aljeni li jheddu lill-ekosistemi, il-ħabitats jew l-ispeċi, u l-anness tagħha jistipula l-Prinċipji Gwida għall-prevenzjoni, l-introduzzjoni u l-mitigazzjoni ta' l-impatti ta' tali speċi aljeni.

(5) It-traslokazzjoni ta' speċi minn żoni fil-firxa naturali tagħhom għal żoni fejn ma jinstabux lokalment għal raġunijiet bijo-ġeografiċi speċifiċi tista' wkoll tippreżenta riskji għall-ekosistemi f'dawn iż-żoni u għandhom ukoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament.

(6) Il-Komunità għandha għalhekk tiżviluppa l-qafas tagħha stess sabiex tiżgura protezzjoni adegwata tal-ħabitats akkwatiċi mir-riskji assoċjati ma' l-użu ta' speċi mhux indiġeni fl-akkwakultura. Dan il-qafas għandu jinkludi proċeduri għall-analiżi tar-riskji potenzjali, it-teħid ta' miżuri bbażati fuq il-prinċipji ta' prevenzjoni u prekawzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza fejn ikunu meħtieġa. Dawn il-proċeduri għandhom jibnu fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-oqfsa volontarji eżistenti, u notevolment il-Kodiċi ta' Prattika tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar l-Introduzzjonijeit u t-Trasferimenti ta' Organiżmi tal-Baħar u l-Kodiċi ta' Prattika u l-Manwal tal-Proċeduri tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar is-Sajd Intern Ewropew (EIFAC) sabiex jitqiesu l-introduzzjoni u t-trasferiment ta' organiżmi tal-baħar u ta' l-ilma ħelu.

([1]) ĠU C 324, 30.12.2006, p. 15.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazz-
joni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([2]), u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi ([4]).

(8) Ir-riskji potenzjali, li f'xi każijiet jistgħu jkunu estensivi, huma għall-bidu aktar evidenti lokalment. Il-karatteristiċi ta' ambjenti akkwatiċi lokali fil-Komunità kollha huma ferm varjati u l-Istati Membri għandhom l-għarfien u l-kompetenzi adegwati biex jevalwaw u jimmaniġġjaw ir-riskji għall-ambjenti akkwatiċi li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom. Huwa għalhekk xieraq li l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament taqa' primarjament taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri.

(9) Għandu jittieħed kont tal-fatt li ċaqliq ta' speċi aljeni jew li ma jinstabux lokalment li għandhom isiru f'faċilitajiet magħluqa ta' l-akkwakultura li huma siguri u li jippreżentaw riskju ferm baxx ta' ħrib m'għandhomx ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju ambjentali minn qabel.

(10) Madankollu, f'każijiet fejn ir-riskji mhumiex negliġibbli u jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra għandu jkun hemm sistema Komunitarja għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u l-validazzjoni tal-permessi qabel ma jingħataw mill-Istati Membri. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) stabbilit taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([5]) għandu jipprovdi l-parir xjentifiku f'din il-konsultazzjoni u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/478/KEE ([6]) għandu jagħti l-parir ta' partijiet interessati fil-qasam ta' l-akkwakultura u l-protezzjoni ambjentali.

(11) Xi speċi aljeni intużaw komunement fl-akkwakultura għal żmien twil f'ċerti partijiet tal-Komunità. L-attivitajiet konnessi ma' dan għandhom għaldaqstant jibbenefikaw minn trattament differenzjali li jiffaċilita l-iżvilupp tagħhom mingħajr ebda piż amministrattiv addizzjonali bil-kondizzjoni li s-sors ikun jista' jipprovdi stokk li ma fihx speċi mhux fil-mira. L-Istati Membri li jixtieqU restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tali speċi li ilhom jintużaw fit-territorju tagħhom għandu jkollhom il-permess jagħmlu dan.

(12) Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jwaqqaf lill-Istati Membri milli jirregolaw it-trobbija ta' speċi aljeni jew li ma jinstabux lokalment f'akkwarji privati jew f'vaski tal-ġonna permezz ta' regolamenti nazzjonali.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([7]).

(14) Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, il-proċedura għall-emendi ta' l-Annessi I, II, III u IV ta' dan ir-Regolament, meħtieġa biex dawn jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku għandha tkun il-proċedura ta' l-amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li jirregola l-prassi fl-akkwakultura fir-rigward ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment sabiex jiġi evalwat u mnaqqas kemm jista' jkun l-impatt possibbli ta' dawn u kwalunkwe speċi assoċjata mhux fil-mira fuq il-ħabitats akkwatiċi u b'dan il-mod jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-introduzzjoni ta' speċi aljeni u t-traslokazzjoni ta' speċi li huma lokalment assent għall-użu tagħhom fl-akkwakultura fil-Komunità li sseħħ wara d-data li fiha jsir applikabbli dan ir-Regolament bis-saħħa ta' l-Artikolu 25(1).

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal traslokazzjonijiet ta' speċi li ma jinstabux lokalment fi ħdan l-Istati Membri, ħlief għal każijiet fejn, abbażi tal-parir xjentifiku, jeżistu raġunijiet għall-previżjoni ta' theddid ambjentali minħabba t-traslokazzjoni. Fil-każ li kumitat konsultattiv ikun inħatar skond l-Artikolu 5, huwa jkun responsabbli għall-valutazzjoni tar-riskji.

([1]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunisll (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).
([2]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).
([3]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunisll (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).
([4]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
([5]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([6]) ĠU L 187, 20.7.1999, p. 70. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/864/KE (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 91).
([7]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

3. Dan ir-Regolament għandu jkopri l-attivitajiet kollha ta' l-akkwakultura li jinsabu fil-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, irrispettivament mid-daqs jew il-karatteristiċi tagħhom. Huwa għandu jkopri l-organiżmi akkwatiċi aljeni u assenti lokalment mrobbija kollha. Huwa għandu jkopri l-akkwakultura li tuża kwalunkwe forma ta' mezz akwatiku.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-trobbija ta' annimali jew pjanti akkwatiċi ornamentali fi ħwienet ta' l-annimali domestiċi, *garden centres,* f'vaski tal-ġonna jew akkwarji li jikkonformaw ma' l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/656/KE tal-20 ta' Settembru li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni tal-ħut għal skopijiet ornamentali ([1]) jew f'faċilitajiet li huma mgħammra b'sistemi tat-trattament ta' l-effluwent li jissodisfaw l-għanijiet imniżżla fl-Artikolu 1.

5. Dan ir-Regolament, ħlief l-Artikoli 3 u 4, m'għandux japplika għall-ispeċi elenkati fl-Anness IV. Il-valutazzjoni tar-riskju fl-Artikolu 9 m'għandhiex tapplika għal speċi elenkati fl-Anness IV ħlief f'każijiet fejn l-Istati Membri jixtiequ jieħdu miżuri biex jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu ta' l-ispeċi ikkonċernati fit-territorju tagħhom.

6. Iċ-ċaqliq ta' speċi aljeni jew li ma jinstabux lokalment li għandhom isiru f'faċilitajiet magħluqa ta' l-akkwakultura m'għandhomx ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju ambjentali minn qabel ħlief f'każijiet fejn l-Istati Membri jixtiequ jieħdu miżuri xierqa.

7. Introduzzjonijiet u traslokazzjonijiet għall-użu f'"faċilitajiet magħluqa ta' l-akkwakultura" jistgħu f'data futura jiġu eżentati mill-ħtieġa ta' permess fil-Kapitolu III, ibbażata fuq informazzjoni u pariri xjentifiċi ġodda. Progress fil-konoxxenza xjentifika tal-bijosigurtà ta' sistemi magħluqa moderni huma inter alia mistennija mir-riċerka dwar speċi aljeni ffinanzjata mill-Komunità. Id-Deċiżjoni relevanti ser tittieħed mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009 permezz tal-proċedura deskritta fl-Artikolu 24.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "akkwakultura" tfisser l-attività definita fl-Artikolu 3, paragrafu (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew tas-Sajd ([2]);

2. "faċilità miftuħa ta' l-akkwakultura" tfisser faċilità fejn l-akkwakultura titmexxa f'mezz akkwatiku li mhux separat mill-mezz akkwatiku selvaġġ permezz ta' ostakoli li jipprevjenu l-ħarba ta' eżemplari mrobbija jew materjali bijoloġiċi li jistgħu jibqgħu ħajjin u sussegwentement jirriproduċu;

3. "faċilità magħluqa ta' l-akkwakultura" tfisser faċilità fejn l-akkwakultura titmexxa f'mezz akkwatiku, li jinvolvi riċirkolazzjoni ta' l-ilma u li hu separat mill-mezz akkwatiku selvaġġ permezz ta' ostakoli li jipprevjenu l-ħarba ta' eżemplari mrobbija jew materjali bijoloġiċi li jistgħu jibqgħu ħajjin u sussegwentement jirriproduċu;

4. "organiżmi akkwatiċi" tfisser kwalunkwe speċi li tgħix fl-ilma li tagħmel parti mir-Renji ta' l-Animalia, il-Plantae u l-Protista, li jinkludu kwalunkwe parti, gameti, żrieragħ, bajd jew propaguli ta' l-individwi tagħhom li jistgħu jibqgħu ħajjin u sussegwentement jirriproduċu;

5. "Organiżmi poliplojdi" tfisser organiżmi tetraplojdi indotti artifiċjalment (4N). Dawn huma organiżmi akkwatiċi li fihom in-numru ta' kromożomi fiċ-ċelloli ġie rduppjat permezz ta' tekniki ta' manipulazzjoni taċ-ċelloli;

6. "speċi aljena" tfisser:

   (a) speċi jew sottospeċi ta' organiżmu akkwatiku li jinsab barra mill-firxa naturali magħrufa tiegħu u miż-żona tal-potenzjal ta' tixrid naturali tagħhom;

   (b) organiżmi poliplojdi, u speċi fertili artifiċjalment ibridizzati irrispettivament mill-firxa naturali jew il-potenzjal ta' tixrid tagħhom;

7. "speċi li ma jinstabux lokalment" tfisser speċi jew sottospeċi ta' organiżmu akkwatiku li ma jinstabx lokalment minn żona fi ħdan il-firxa naturali ta' distribuzzjoni tagħha għal raġunijiet bijoġeografiċi;

8. "speċi mhux fil-mira" tfisser kwalunkwe speċi jew sottospeċi ta' organiżmu akkwatiku li x'aktarx li jkun ta' detriment għall-ambjent akkwatiku li jiġi mċaqlaq aċċidentalment flimkien ma organiżmu akkwatiku li qed jiġi introdott jew traslokat li ma jinkludix organizmi li jikkawżaw il-mard li huma koperti mid-Direttiva 2006/88/KE;

9. "ċaqliq" tfisser introduzzjoni u/jew traslokazzjoni;

10. "introduzzjoni" tfisser il-proċess li bih speċi aljena tiġi mċaqilqa intenzjonalment għal ambjent barra mill-firxa naturali tagħha sabiex tintuża fl-akkwakultura;

11. "traslokazzjoni" tfisser il-proċess li bih speċi li ma tinstabx lokalment jiġi mċaqlaq intenzjonalment fi ħdan il-firxa naturali tiegħu sabiex jintuża fl-akkwakultura għal żona fejn ma kienx jeżisti qabel minħabba raġunijiet bijoġeografiċi;

12. "rilaxx pilota" tfisser l-introduzzjoni ta' speċi aljeni jew it-traslokazzjoni ta' speċi li ma tinstabx lokalment fuq skala limitata għal valutazzjoni ta' l-interazzjoni ekoloġika ma' speċi indiġeni u ħabitats sabiex jiġu ttestjati l-assunzjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju;

13. "applikant" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità li tipproponi li tmexxi l-introduzzjoni jew it-traslokazzjoni ta' organiżmu akkwatiku;

14. "kwarantina" tfisser proċess li bih organiżmi akkwatiċi u kwalunkwe wieħed mill-organiżmi assoċjati tagħhom jistgħu jinżammu f'iżolament totali mill-ambjent cirkostanti;

([1]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 71.
([2]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

15. "faċilità ta' kwarantina" tfisser faċilità li fiha organiżmi akkwatiċi u kwalunkwe wieħed mill-organiżmi assoċjati tagħhom jistgħu jinżammu f'iżolament totali mill-ambjent ċirkostanti;

16. "ċaqliq ta' rutina" tfisser iċ-ċaqliq ta' organiżmi akkwatiċi minn sors li għandu riskju baxx ta' trasferiment ta' speċi mhux fil-mira u li, minħabba l-karatteristiċi ta' l-organiżmi akkwatiċi u/jew il-metodu ta' akkwakultura li għandu jintuża, per eżempju sistemi magħluqa kif definit fi (3), ma jagħtix lok għal effetti ekoloġiċi negattivi;

17. "ċaqliq mhux ta' rutina" jfisser kwalunkwe ċaqliq ta' organiżmi akkwatiċi li ma jissodisfax il-kriterji għal ċaqliq ta' rutina;

18. "Stat Membru riċeventi" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tiġi introdotta l-ispeċi aljena jew li fih tiġi ttraslokata l-ispeċi li ma tinstabx lokalment;

19. "Stat Membru mittenti" tfisser l-Istat Membru li mit-territorju tiegħu tiġi introdotta l-ispeċi aljena jew li minnu tiġi ttraslokata l-ispeċi li ma tinstabx lokalment.

KAPITOLU II

**OBBLIGI ĠENERALI TA' L-ISTATI MEMBRI**

*Artikolu 4*

**Miżuri sabiex jiġu evitati l-effetti avversi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi għall-bijodiversità, u speċjalment għall-ispeċi, il-ħabitats u l-funzjonijiet ta' l-ekosistemi li jistgħu jkunu mistennija li jirriżultaw mill-introduzzjoni jew it-traslokazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u speċi mhux fil-mira fl-akkwakultura u mit-tixrid ta' dawn l-ispeċi fl-ambjent naturali.

*Artikolu 5*

**Korpi għat-tfassil ta' deċiżjonijiet u korpi konsultattivi**

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw konformità mal-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament ("l-awtorità kompetenti"). Kull awtorità kompetenti tista' taħtar kumitat konsultattiv sabiex jassistiha, u dan għandu jinkludi esperti xjentifiċi adegwati ("il-kumitat konsultattiv"). Jekk Stat Membru ma jaħtarx kumitat konsultattiv l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassumu l-kompiti assenjati lill-kumitat konsultattiv f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

**PERMESSI**

*Artikolu 6*

**Applikazzjoni għal Permess**

1. Operaturi ta' l-akkwakultura li bi ħsiebhom jintroduċu speċi aljena jew jittraslokaw speċi li ma tinstabx lokalment mhux koperta mill-Artikolu 2(5) għandhom japplikaw għal permess mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru riċeventi. Jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għal ċaqliq multipli li għandhom iseħħu matul perijodu ta' mhux aktar minn seba' snin.

2. L-applikant għandu jippreżenta flimkien ma' l-applikazzjoni dossier skond il-linji gwida indikattivi elenkati fl-Anness I. Il-kumitat konsultattiv għandu jagħti opinjoni dwar jekk l-applikazzjoni fihiex l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk iċ-ċaqliq propost huwiex ta' rutina jew mhux ta' rutina u għalhekk hijiex ammissibbli u għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bl-opinjoni tiegħu.

3. Sa tmiem il-perijodu tal-permess tista' tiġi ppreżentata applikazzjoni għal permess ieħor billi ssir referenza għall-permess preċedenti. Jekk ma jkun ġie dokumentat ebda effett negattiv fuq l-ambjent, iċ-ċaqliq propost għandu jiġi kkunsidrat bħala ċaqliq ta' rutina.

*Artikolu 7*

**Tip ta' ċaqliq propost**

Il-kumitat konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk iċ-ċaqliq propost huwiex ċaqliq ta' rutina jew ċaqliq mhux ta' rutina u jekk qabel ir-rilaxx għandux ikun hemm kwarantina jew rilaxx pilota qabel u għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bl-opinjoni tiegħu.

*Artikolu 8*

**Ċaqliq ta' rutina**

Fil-każ ta' ċaqliq ta' rutina, l-awtorità kompetenti tista' tagħti permess, fejn tindika, fejn applikabbli, il-ħtieġa għal kwarantina jew rilaxx pilota kif inhu stabbilit fil-Kapitoli IV u V.

*Artikolu 9*

**Ċaqliq mhux ta' rutina**

1. Fil-każ ta' ċaqliq mhux ta' rutina, valutazzjoni tar-riskju ambjentali għandha titwettaq kif deskritt fl-Anness II. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk l-applikant jew korp indipendenti huwiex responsabbli għat-tmexxija tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u min għandu jħallas l-ispejjeż.

2. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-kumitat konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-riskju lill-awtorità kompetenti, permezz tal-formola ta' rapport sommarju mniżżla fl-Anness II, Parti 3. Jekk il-kumitat konsultattiv isib li r-riskju huwa baxx, l-awtorità kompetenti tista' tagħti l-permess mingħajr formalitajiet oħra.

3. Jekk il-kumitat konsultattiv isib li r-riskju assoċjat maċ-ċaqliq propost ta' organiżmi akkwatiċi huwa għoli jew medju skond l-Anness II, parti 1, huwa għandu jeżamina l-applikazzjoni b'konsultazzjoni ma' l-applikant sabiex jara jekk humiex disponibbli proċeduri jew teknoloġiji ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqas il-livell ta' riskju għal wieħed baxx. Il-kumitat konsultattiv għandu jibgħat ir-riżultati ta' l-eżami tiegħu lill-awtorità kompetenti, bid-dettalji tal-livell ta' riskju u bi speċifikazzjoni tar-raġunijiet għal kwalunkwe tnaqqis fir-riskju, fil-formola speċifikata fl-Anness II, Parti 3.

4. L-awtorità kompetenti tista' toħroġ permessi biss għal ċaqliq mhux ta' rutina f'każijiet fejn il-valutazzjoni ta' riskju, inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni, juru riskju baxx għall-ambjent. Kwalunkwe rifjut ta' permess għandu jiġi motivat debitament minħabba raġunijiet xjentifiċi u, fejn l-informazzjoni xjentifika tkun għadha insuffiċjenti, minħabba l-prinċipju ta' prekawzjoni.

*Artikolu 10*

**Perijodu ta' deċiżjoni**

1. L-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub fi żmien raġjonevoli dwar id-deċiżjoni li jinħareġ jew li jiġi rrifjutat permess, u fi kwalunkwe każ għandu jiġi infurmat mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' l-applikazzjoni, eskluż iż-żmien meta applikant jipprovdi informazzjoni addizzjonali jekk il-kumitat konsultattiv hekk jitlob.

2. L-Istati Membri li huma firmatarji għall-ICES jistgħu jitolbu li l-applikazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tar-riskju dwar organiżmi tal-baħar jiġu riveduti mill-ICES qabel ma tinħareġ l-opinjoni mill-kumitat konsultattiv. F'tali każijiet għandu jkun permess perijodu addizzjonali ta' sitt xhur.

*Artikolu 11*

**Ċaqliq li jaffettwa lil Stati Membri ġirien**

1. Fejn il-potenzjal jew l-effetti ambjentali magħrufa ta' ċaqliq propost ta' organiżmu jistgħu jaffettwaw Stati Membri ġirien, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tagħti permess billi tibgħat abbozz ta' deċiżjoni, flimkien ma' memorandum ta' spjegazzjoni u sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali kif speċifikat fl-Anness II, Parti 3.

2. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika, l-Istati Membri l-oħra kkonċernati jistgħu jissottomettu kummenti bil-miktub lill-Kummissjoni.

3. Fi żmien sitt xhur mid-data tan-notifika, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), stabbilit skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura, stabbilit bid-Deċiżjoni 1999/478/KEE, tikkonferma, tirrifjuta jew temenda d-deċiżjoni proposta li tagħti permess.

4. Fi żmien 30 jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jirreferu dik id-deċiżjoni lill-Kunsill. Fi żmien perijodu ulterjuri ta' 30 jum, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti.

*Artikolu 12*

**Irtirar ta' permess**

L-Awtorità Kompetenti tista' fi kwalunkwe ħin, tirtira l-permess, temporanjament jew parmanentement, jekk iseħħu avvenimenti mhux previsti b'effetti negattivi fuq l-ambjent jew fuq il-popolazzjonijiet indiġeni. Kwalunkwe rtirar ta' permess għandu jiġi motivat b'raġunijiet xjentifiċi u, fejn l-informazzjoni xjentifika tkun għadha insuffiċjenti, minħabba l-prinċipju ta' prekawzjoni u b'konsiderazzjoni għar-regoli amministrattivi nazzjonali.

KAPITOLU IV

**KONDIZZJONIJIET GĦALL-INTRODUZZJONI WARA L-ĦRUĠ TA' PERMESS**

*Artikolu 13*

**Konformità ma' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra**

Permess jista' jinħareġ biss għal introduzzjoni taħt dan ir-Regolament, fejn jidher li jistgħu jiġu sodisfatti l-ħtiġiet taħt leġiżlazzjoni oħra, u b'mod partikolari:

(a) il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fid-Direttiva 2006/88/KE dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċerti mardiet f'annimali akkwatiċi;

(b) il-kondizzjonijiet imniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]).

*Artikolu 14*

**Rilaxx ġewwa faċilitajiet ta' l-akkwakultura fil-każ ta' introduzzjonijiet ta' rutina**

Fil-każ ta' introduzzjonijiet ta' rutina, ir-rilaxx ta' organiżmi akkwatiċi ġewwa faċilitajiet miftuħa jew magħluqa ta' l-akkwakultura għandhom ikunu permessi mingħajr kwarantina jew rilaxx pilota, sakemm, f'każijiet eċċessjonali, l-awtorità kompetenti ma tiddeċiedix mod ieħor abbażi ta' parir speċifiku mogħti mill-kumitat konsultattiv. Ċaqliq minn faċilità magħluqa ta' l-akkwakultura lejn faċilità miftuħa ta' l-akkwakultura m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala rutina.

*Artikolu 15*

**Rilaxx ġewwa faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura fil-każ ta' introduzzjonijiet mhux ta' rutina**

1. Fil-każ ta' introduzzjonijiet mhux ta' rutina, ir-rilaxx ta' organiżmi akkwatiċi ġewwa faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura għandu jkun soġġett, jekk meħtieġ, għall-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. L-organiżmi akkwatiċi għandhom jitqiegħdu f'faċilità ta' kwarantina nnominata ġewwa t-territorju tal-Komunità skond il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness III għall-iskop li jiġi kkostitwit stokk ta' ħut għar-riproduzzjoni.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

3. Il-faċilità ta' kwarantina tista' tkun tinsab fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru riċeventi, dment li jintlaħaq qbil bejn l-Istati Membri kollha kkonċernati u li din l-għażla tkun ġiet inkluża fil-valutazzjoni tar-riskju ambjentali skond l-Artikolu 9.

4. Jekk xieraq, biss il-frieħ ta' l-organiżmi akkwatiċi introdotti jistgħu jintużaw f'faċilitajiet ta' l-akkwakultura ta' l-Istat Membru riċeventi, sakemm ma tinsab ebda speċi li mhux fil-mira potenzjalment ta' ħsara matul il-kwarantina. L-istokk adult jista' jiġi rilaxxat f'dawk il-każijiet fejn l-organiżmi ma jirriproduċux f'kattività jew huma kompletament riproduttivament sterili, sakemm tkun ikkonfermata l-assenza ta' speċi li mhux fil-mira potenzjalment ta' ħsara.

*Artikolu 16*

**Rilaxx pilota ġewwa faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura**

L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li qabel ir-rilaxx ta' l-organiżmi akkwatiċi ġewwa sistemi miftuħa ta' l-akkwakultura jkun hemm rilaxx pilota inizjali soġġett għal konteniment speċifiku u għal miżuri preventivi bbażati fuq il-parir u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat konsultattiv.

*Artikolu 17*

**Pjanijiet ta' kontinġenza**

Għall-introduzzjonijiet kollha li mhumiex ta' rutina u r-rilaxxi pilota, l-applikant għandu jfassal pjan ta' kontinġenza għall-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, li għandu jinkludi *inter alia* it-tneħħija ta' l-ispeċi introdotta mill-ambjent, jew tnaqqis fid-densità, għal avvenimenti mhux previsti b'effetti negattivi fuq l-ambjent jew fuq il-popolazzjonijiet indiġeni. Fil-każ li jseħħ avveniment bħal dan, il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jiġu implimentati minnufih u l-permess jista' jiġi rtirat, temporanjament jew permanentement skond l-Artikolu 12.

*Artikolu 18*

**Monitoraġġ**

1. Għandu jsir monitoraġġ ta' speċi aljeni wara r-rilaxx tagħhom f'faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura għal perijodu ta' sentejn jew ċiklu sħiħ ta' ġenerazzjoni, skond liema jkun l-itwal, sabiex jiġi vvalutat jekk l-impatti kienu previsti b'mod preċiż jew jekk hemmx impatti addizzjonali jew differenti. Il-livell ta' tixrid jew ta' konteniment ta' l-ispeċi għandu jiġi studjat b'mod partikolari. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk l-applikant għandux l-esperjenza adegwata jew jekk korp ieħor għandux iwettaq il-monitoraġġ.

2. Soġġett għall-opinjoni tal-kumitat konsultattiv, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ perjodi ta' monitoraġġ itwal sabiex tivvaluta kwalunkwe effetti possibbli għall-perijodu fit-tul fuq l-ekosistema li mhumiex faċilment identifikabbli fil-perijodu stipulat fil-paragrafu 1.

3. Il-kumitat konsultattiv għandu jivvaluta r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ u jinnota b'mod partikolari kwalunkwe avveniment li ma ġiex antiċipat sewwa fil-valutazzjoni tar-riskju ambjentali. Ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti li għandha tinkludi sommarju tar-riżultati fir-reġistru nazzjonali stabbilit taħt l-Artikolu 23.

KAPITOLU V

**KONDIZZJONIJIET GĦAT-TRASLOKAZZJONIJIET WARA L-ĦRUĠ TA' PERMESS**

*Artikolu 19*

**Konformità ma' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra**

Permess jista' jinħareġ biss għal traslokazzjoni taħt dan ir-Regolament, fejn jidher li jistgħu jiġu sodisfatti l-ħtiġiet taħt leġiżlazzjoni oħra u b'mod partikolari:

(a) il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE [1]

(b) il-kondizzjonijiet imniżżla fid-Direttiva 2000/29/KE [2]

*Artikolu 20*

**Traslokazzjoni mhux ta' rutina f'faċiltajiet miftuħa ta' l-akkwakultura**

Fil-każ ta' traslokazzjonijiet mhux ta' rutina f'faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li qabel ma jkun hemm rilaxx ta' organiżmi akkwatiċi, iseħħ rilaxx pilota inizjali b'miżuri ta' konteniment u ta' prevenzjoni bbażati fuq il-parir u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat konsultattiv.

*Artikolu 21*

**Kwarantina**

L-Istat Membru riċeventi jista' f'każijiet eċċezzjonali u soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni jesiġi l-kwarantina skond l-Artikolu 15 (2), (3) u (4) qabel ir-rilaxx ta' l-ispeċi minn traslokazzjonijiet mhux ta' rutina ġewwa faċilitajiet miftuħa ta' l-akkwakultura. It-talba għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni għandha tindika r-raġunijiet għaliex hija meħtieġa l-kwarantina. Il-Kummissjoni għanda twieġeb talbiet bħal dawn fi żmien 30 jum.

*Artikolu 22*

**Monitoraġġ wara t-traslokazzjoni**

Wara traslokazzjoni mhux ta' rutina, għandu jsir monitoraġġ ta' l-ispeċi skond l-Artikolu 18.

KAPITOLU VI

**REĠISTRU**

*Artikolu 23*

**Reġistru**

L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru ta' l-introduzzjonijiet u t-traslokazzjonijiet li jkun fih rekord storiku ta' l-applikazzjonijiet kollha magħmula u d-dokumentazzjoni assoċjata miġbura qabel il-ħruġ ta' permess u matul il-perijodu ta' monitoraġġ.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14

[2] ĠU L 187, 20.7.1999, p. 70.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli liberament għall-Istati Membri u għall-pubbliku skond id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali ([1]).

Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaqsmu l-informazzjoni li tinsab fir-reġistri tagħhom, tista' tiġi żviluppata sistema speċifika ta' informazzjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 24*

### Regoli dettaljati u adattament għall-progress tekniku

1. Emendi għall-Annessi I, II, III u IV u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tagħhom meħtieġa sabiex dawn jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Sabiex speċi jiġu miżjuda ma' l-Anness IV, l-organiżmu akkwatiku għandu jkun intuża fl-akkwakultura għal żmien twil (b'referenza għaċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu) f'ċerti partijiet tal-Komunità mingħajr effetti negattivi, u introduzzjonijiet u translokazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jsiru mingħajr iċ-ċaqliq koinċidenti ta' speċi li mhux fil-mira potenzjalment ta' ħsara.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, ir-regoli li jimplimetaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għaż-żieda ta' speċi fl-Anness IV kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex iżżid speċi fl-Anness IV bl-użu tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu data speċifika biex jagħtu prova ta' koerenza mal-kriterji rilevanti għaż-żieda ta' speċi fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet it-talbiet dwar jekk dawn humiex adatti bl-esklużjoni taż-żmien li matulu l-Istat Membru jipprovdi informazzjoni addizzjonali jekk il-Kummissjoni hekk titlob.

5. Madankollu, it-talbiet ta' l-Istati Membri biex jiżdiedu speċi fl-Anness IV li jkunu waslu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, għandhom jiġu deċiżi qabel l-1 ta' Jannar 2009.

6. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jipproponu fir-rigward tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tagħhom, kif inhu msemmi fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iż-żieda ta' speċi f'parti separata ta' l-Anness IV.

*Artikolu 25*

### Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dawn għandhom japplikaw 6 xhur wara li jkun daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3), iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2009.

2. Madankollu, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu I u l-Kapitolu II kif ukoll l-Artikolu 24, għandhom ikunu applikabbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SEEHOFFER

([1]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

*ANNESS I*

**APPLIKAZZJONI**

**(Linji gwida indikattivi għad-dossier li għandu jimtela mill-applikant kif previst mill-Artikolu 6)**

Kull fejn hu possibbli, l-informazzjoni għandha tiġi ssostanzjata b'referenzi mil-letteratura xjentifika, u minn notazzjonijiet għal komunikazzjonijiet personali ma' l-awtoritajiet xjentifiċi u l-esperti dwar is-sajd. Hu kunsiljabbli li l-applikanti jiddistingwu bejn ċaqliq lejn faċilitajiet "miftuħa" jew "magħluqa" ta' l-akkwakultura.

Għall-għan ta' dan l-Anness, meta applikazzjoni tirreferi għal traslokazzjoni proposta, aktar milli introduzzjoni, it-termini, introduzzjoni/introdott(i) għandhom jinbidlu bi traslokazzjoni/traslokat(i).

A. **Sommarju esekuttiv**

Agħti sommarju qasir tad-dokument inkluża deskrizzjoni tal-proposta, l-impatti potenzjali fuq l-ispeċi indiġeni u l-ħabitats tagħhom u passi ta' mitigazzjoni sabiex jiġu minimizzati l-impatti potenzjali fuq l-ispeċi indiġeni.

B. **Introduzzjoni**

(1) Isem (komuni u xjentifiku) ta' l-organiżmu propost għall-introduzzjoni jew it-traslokazzjoni, b'indikazzjoni tal-ġenus, l-ispeċi, is-sottospeċi jew il-klassifikazzjoni tassonomika aktar baxxa fejn applikabbli.

(2) Iddeskrivi l-karatteristiċi ta' l-organiżmu, inklużi karatteristiċi li jiddistingwu lill-organiżmu. Inkludi tpinġija xjentifika jew ritratt.

(3) Iddeskrivi l-istorja fl-akkwakultura, titjib li sar jew introduzzjonijiet oħra (jekk xieraq).

(4) Iddeskrivi l-objettivi u r-raġuni għall-introduzzjoni proposta, inkluża spjegazzjoni għaliex objettiv bħal dan ma jistax jintlaħaq permezz ta' l-użu ta' speċi indiġena.

(5) Liema kienu l-istrateġiji alternattivi li tqiesu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-proposta?

(6) X'inhi ż-żona ġeografika ta' l-introduzzjoni proposta? Iddeskrivi l-ħabitats, l-ekosistema u l-istatus ta' protezzjoni ta' l-ambjent riċeventi. Inkludi mappa.

(7) Iddeskrivi n-numri ta' organiżmi li qed tiġi proposta l-introduzzjoni tagħhom (inizjalment, fl-aħħar mill-aħħar). Il-proġett jista' jinqasam f'sotto-komponenti differenti? Jekk dan huwa l-każ, kemm-il organiżmu huwa involut f'kull sotto-komponent?

(8) Iddeskrivi s-sors(i) ta' l-istokk (faċilità) u l-istokk ġenetiku (jekk huwa magħruf).

Ċ. **Informazzjoni dwar il-ħajja ta' l-ispeċi li għandha tiġi introdotta – għal kull stadju ta' ħajja**

(1) Iddeskrivi ż-żona ta' distribuzzjoni naturali (native range) u l-bidliet fiż-żona ta' distribuzzjoni minħabba l-introduzzjonijiet.

(2) L-istokk li minnu l-introduzzjoni/traslokazzjoni ser isiru għandu rabta ma' kwalunkwe speċi mhux fil-mira magħrufa?

(3) X'inhi d-distribuzzjoni ta' tali speċi mhux fil-mira fiż-żona ta' oriġini ta' l-istokk li għandu jiġi introdott/traslokat?

(4) Niżżel fejn l-ispeċi ġiet introdotta preċedentement u ddeskrivi l-effetti ekoloġiċi fuq l-ambjent taż-żona riċeventi (predatur, priża, kompetitur, u/jew elementi strutturali/funzjonali tal-ħabitat).

(5) Liema fatturi jillimitaw l-ispeċi fiż-żona ta' distribuzzjoni naturali tagħha.

(6) Iddeskrivi t-tolleranzi fiżjoloġiċi (kwalità ta' l-ilma, temperatura, ossiġnu, u mluħa) f'kull stadju tal-ħajja (stadji fil-bidu tal-ħajja, stadju adult u dak riproduttiv).

(7) Iddeskrivi l-preferenzi tal-habitat u t-tolleranzi għal kull stadju tal-ħajja.

(8) Iddeskrivi l-bijoloġija riproduttiva.

(9) Iddeskrivi l-imġiba migratorja.

(10) Iddeskrivi l-preferenzi ta' l-ikel għal kull stadju tal-ħajja.

(11) Iddeskrivi r-rata ta' tkabbir u t-tul tal-ħajja (ukoll fiż-żona ta' l-introduzzjoni proposta, jekk magħrufa).

(12) X'inhi l-età jew il-firxa ta' etajiet ta' l-ispeċi ikkonċernati?

(13) Iddeskrivi l-karatteristiċi ta' mġiba (soċjali, territorjali, aggressivi).

D. **Interazzjoni ma' l-ispeċi indiġeni**

(1) X'inhu l-potenzjal għas-soppravivenza u l-istabbiliment ta' l-organiżmu introdott jekk dan jaħrab? (Din il-mistoqsija tapplika għal ċaqliq f'faċilitajiet miftuħa u magħluqa ta' l-akkwakultura.)

(2) Liema huwa/huma l-ħabitat(s) li fih(om) l-ispeċi introdotta x'aktarx tokkupa fiż-żona proposta ta' introduzzjoni u din se tikkoinċidi ma' dak ta' speċi vulnerabbli, mhedda jew fil-periklu? (Indika jekk iż-żona proposta ta' introduzzjoni tinkludix ukoll l-ilmijiet kontigwi.)

(3) Ma' liema speċi se jkun hemm sovvrapożizzjoni ta' niċċa ekoloġika? Jeżistu xi riżorsi ekoloġiċi mhux użati li minnhom l-ispeċi tieħu vantaġġ?

(4) X'ser jiekol l-organiżmu introdott fl-ambjent riċeventi?

(5) Din il-predazzjoni ser toħloq xi impatti avversi fuq l-ekosistema riċeventi?

(6) L-organiżmi introdotti ser jgħixu u jirriproduċu b'suċċess fiż-żona proposta ta' introduzzjoni jew ser jkun meħtieġ stokkjar annwali? (Din il-mistoqsija tapplika għal speċi li mhumiex maħsuba għal faċilitajiet magħluqa ta' l-akkwakultura.)

(7) L-organiżmi introdotti se jibridizzaw ma' speċi indiġeni? L-estinzjoni lokali ta' xi speċi jew stokks indiġeni hija possibbli b'riżultat ta' l-introduzzjoni proposta? Jeżistu xi effetti possibbli ta' l-organiżmi introdotti fuq l-imġiba riproduttiva u ż-żoni fejn ibid il-ħut ta' speċi lokali?

(8) Hemm xi impatti potenzjali fuq il-ħabitat jew il-kwalità ta' l-ilma b'riżultat ta' l-introduzzjoni proposta?

E. **Ambjent riċeventi u ilmijiet kontigwi**

(1) Agħti informazzjoni fiżika dwar l-ambjent riċeventi u l-korpi kontigwi ta' l-ilma bħalma huma temperaturi staġjonali ta' l-ilma, l-imluħa u ċ-ċarezza, l-ossiġnu maħlul fl-ilma, l-pH, in-nutrijenti u l-metalli. Dawk il-parametri jaqblu mat-tolleranzi/preferenzi ta' l-ispeċi li għandha tiġi introdotta, inklużi l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-riproduzzjoni?

(2) Elenka l-kompożizzjoni skond l-ispeċi (vertebrati akkwatiċi, invertebrati u pjanti prinċipali) ta' l-ilmijiet riċeventi.

(3) Agħti l-informazzjoni dwar il-ħabitat fiż-żona ta' introduzzjoni, inklużi l-ilmijiet kontigwi u identifika l-ħabitat kritiku. Liema minn dawk il-parametri jaqblu mat-tolleranzi/preferenzi ta' l-organiżmi li għandhom jiġu introdotti? L-organiżmi introdotti jistgħu jiddisturbaw xi ħabitats fost dawk deskritti?

(4) Iddeskrivi l-ostakli naturali jew magħmula mill-bniedem li għandhom jipprevjenu iċ-ċaqliq ta' l-organiżmi introdotti għal ġewwa ilmijiet oħra li jmissu magħhom.

F. **Monitoraġġ**

Iddeskrivi l-pjanijiet għall-valutazzjonijiet ta' segwitu tas-suċċess ta' l-ispeċi proposti għall-introduzzjoni u kif kwalunkwe impatt negattiv fuq l-ispeċi indiġeni u l-ħabitats tagħhom se jiġi vvalutat.

G. **Pjan ta' Ġestjoni**

(1) Iddeskrivi l-pjan ta' ġestjoni għall-introduzzjoni proposta. Dan għandu jinkludi, iżda m'għandux ikun ristrett għall-informazzjoni li ġejja:

(a) miżuri meħuda sabiex jiġi żgurat li l-ebda speċi oħra (speċi mhux fil-mira) ma takkumpanja l-vjeġġ;

(b) min se jkollu l-permess juża l-organiżmi proposti u skond liema termini u kondizzjoijiet;

(ċ) se jkun hemm fażi pre-kummerċjali għall-introduzzjoni proposta?

(d) deskrizzjoni tal-pjan ta' kontinġenza għat-tneħħija ta' l-ispeċi;

(e) deskrizzjoni tal-pjan ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-proposta, u,

(f) ħtiġiet leġiżlattivi oħra li jeħtieġ li jintlaħqu.

(2) Iddeskrivi l-miżuri kimiċi, bijofiżiċi u ta' ġestjoni li qed jittieħdu għall-prevenzjoni ta' ħarba aċċidentali ta' l-organiżmu u speċi mhux fil-mira, lejn u l-istabbiliment tagħhom fi, ekosistemi reċipjenti li mhumiex fil-mira. Agħti d-dettalji tas-sors ta' l-ilma, id-destinazzjoni ta' l-effluwent, kwalunkwe trattament ta' l-effluwent, prossimità għal sistemi ta' dranaġġ għall-maltemp, kontroll tal-predatur, sigurtà tal-post u miżuri għall-prevenzjoni ta' ħrib, jekk huma meħtieġa.

(3) Iddeskrivi l-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' rilaxx mhux intenzjonat, aċċidentali jew mhux awtorizzat ta' l-organiżmi mill-faċilitajiet ta' trobbija u ta' tifqis jew espansjoni aċċidentali jew mhux mistennija taż-żona ta' kolonizzazzjoni wara r-rilaxx.

(4) Jekk din il-proposta hija maħsuba sabiex toħloq żona tas-sajd, agħti d-dettalji dwar l-objettiv ta' din iż-żona tas-sajd. Min jibbenefika minn tali żona tas-sajd? Agħti d-dettalji tal-pjan ta' ġestjoni u, jekk huwa xieraq, inkludi tibdiliet fil-pjanijiet ta' ġestjoni għal speċi li se jintlaqtu.

H. ***Data* kummerċjali**

(1) Agħti l-isem tas-sid u/jew il-kumpanija, in-numru ta-liċenzja għall-akkwakultura u l-liċenzja kummerċjali (fejn applikabbli) jew l-isem ta' l-aġenzija jew id-dipartiment tal-gvern b'isem ta' kuntatt u informazzjoni dwar it-telefon, il-fax u l-e-Mail.

(2) Agħti indikazzjoni dwar il-vijabbiltà ekonomika tal-proġett propost.

I. **Referenzi**

(1) Agħti bibljografija ddettaljata tar-referenzi kollha msemmija fil-proċess ta' tħejjija ta' l-applikazzjoni.

(2) Agħti lista ta' ismijiet, inklużi l-indirizzi, ta' l-awtoritajiet xjentifiċi u l-esperti dwar is-sajd li ġew ikkonsultati.

*ANNESS II*

**Proċeduri u elementi minimi li għandhom jiġu indirizzat f'valutazzjoni tar-riskju ambjentali kif previst fl-Artikolu 9**

Sabiex jiġu vvalutati r-riskji assoċjati ma' l-introduzzjoni jew it-traslokazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi huwa meħtieġ li tiġi vvalutata l-probabbiltà li l-organiżmi jiġu stabbiliti u l-konsegwenzi ta' dan l-istabbiliment.

Il-proċess jindirizza l-komponenti ambjentali ewlenin. Huwa jagħti approċċ standardizzat għall-valutazzjoni tar-riskju ta' impatti ġenetiċi u ekoloġiċi kif ukoll il-potenzjal għall-introduzzjoni ta' speċi mhux fil-mira li jista' jkollha impatt fuq l-ispeċi indiġeni ta' l-ilmijiet riċeventi proposti.

Matul il-proċess ta' reviżjoni, l-enfażi mhix fuq il-klassifikazzjonijiet, iżda fuq id-dikjarazzjonijiet bijoloġiċi dettaljati u ta' informazzjoni rilevanti oħra li jimmotivawhom. Fil-każ ta' inċertezza xjentifika, il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu jiġi applikat.

Għall-għan ta' dan l-Anness, meta applikazzjoni tirreferi għal traslokazzjoni proposta t-termini "introduzzjoni/introdott(i)" għandhom jinbidlu bi "traslokazzjoni/traslokat(i)".

PARTI 1

**PROĊESS TA' VALUTAZZJONI TAR-RISKJI EKOLOĠIĊI U ĠENETIĊI**

*Fażi 1:*

**Verosimiljanza ta' stabbiliment u ta' tixrid lil hinn miż-żona ta' introduzzjoni maħsuba**

| Avveniment | Verosimili (Għ, M, B) (1) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) (2) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (3) |
|---|---|---|---|
| L-ispeċi introdotta jew traslokata, maħruba jew imxerrda, tikkolonizza u żżomm b'suċċess popolazzjoni fiż-żona maħsuba ta' introduzzjoni li mhix fil-kontroll tal-faċilità ta' l-akkwakultura. | | | |
| L-ispeċi introdotta jew traslokata, maħruba jew imxerrda, tinxtered lil hinn miż-żona maħsuba ta' introduzzjoni. | | | |
| Klassifikazzjoni finali (4) | | | |

(1) Għ = Għoli, M = Medju, B = Baxx
(2) FĊ = Ferm ċert, RĊ = Raġjonevolment ċert, RI = Raġjonevolment inċert, FI = Ferm inċert
(3) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-ICES.
(4) Il-klassifikazzjoni finali għall-Verosimili ta' stabbiliment u tixrid hija assenjata l-valur ta' l-element bl-iktar klassifikazzjoni baxxa (per eżempju, klassifikazzjonijiet ta' Għoli u Baxx għall-elementi ta' hawn fuq jirriżultaw fi klassifikazzjoni finali Baxx). Għal darb'oħra, iż-żewġ avvenimenti – il-probabbiltà li l-organiżmu jikkolonizza u jżomm popolazzjoni fiż-żona maħsuba ta' introduzzjoni (kemm jekk hi ambjent magħluq bħal ma hi faċilità, jew ħabitat naturali) u l-probabbiltà li jinfirex lil hinn miż-żona maħsuba ta' introduzzjoni (stmata kif spjegat hawn fuq) – jeħtieġ li jseħħu fil-fatt sabiex iseħħ l-istabbiliment lil hinn miż-żona maħsuba ta' introduzzjoni.
Il-klassifikazzjoni finali għal-livell ta' Ċertezza hija assenjata l-valur ta' l-element bl-iktar grad Baxx ta' ċertezza (per eżempju, klassifikazzjonijiet Ferm Ċert u Raġjonevolment Ċert jirriżultaw fi klassifikazzjoni finali Raġjonevolment Ċert). Għandu jittieħed kont tad-"dannu" ta' stabbiliment u tixrid, flimkien mal-proporzjon riskju/benefiċċju, biex wieħed jasal għall-klassifikazzjoni finali.

*Fażi 2:*

**Konsegwenzi ta' stabbiliment u ta' tixrid**

| Avveniment | Verosimili (Għ, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (1) |
|---|---|---|---|
| Taħlit ġenetiku ma' popolazzjonijiet lokali jwassal għal telfien tad-diversità ġenetika. | | | |

| Avveniment | Verosimili (Gh, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (1) |
|---|---|---|---|
| Konkorrenza (ikel, spazju) ma’ jew predazzjoni fuq popolazzjonijiet indiġeni twassal għall-qerda tagħhom. | | | |
| Avvenimenti oħra mhux mixtieqa ta’ natura ekoloġika | | | |
| Xi uħud mill-avvenimenti msemmija hawn fuq jippersistu wkoll wara t-tneħħija ta’ l-ispeċi introdotta. | | | |
| Klassifikazzjoni finali (2) | | | |

(1) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta’ Prattika ta’ l-ICES.
(2) Il-klassifikazzjoni finali għall-Konsegwenzi ta’ stabbiliment u ta’ tixrid hija assenjata l-valur ta’ l-element (probabbiltà individwali) bl-iktar grad għoli u l-klassifikazzjoni finali għal-livell ta’ Ċertezza hija assenjata l-valur ta’ l-element bl-iktar livell baxx ta’ ċertezza.

*Fażi 3:*

**Potenzjal tar-Riskju marbut ma’ l-ispeċi aljeni u li ma jinstabux lokalment**

Valur uniku huwa mogħti abbażi tal-valutazzjonijiet imwettqa fil-Fażijiet 1 u 2:

| Komponent | Potenzjal ta’ Riskju (Gh, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (1) |
|---|---|---|---|
| Stabbiliment u tixrid (fażi 1) | | | |
| Konsegwenzi ekoloġiċi (fażi 2) | | | |
| Klassifikazzjoni finali tal-potenzjal ta’ riskju kumplessiv (2) | | | |

(1) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta’ Prattika ta’ l-ICES.
(2) Il-kategorizzazzjoni finali tal-potenzjal ta’ riskju tieħu l-valur ta’ ogħla żewġ probabbiltajiet fejn m'hemmx żieda fil-probabbiltà bejn iż-żewġ stimi (jiġifieri jekk ir-Riskju ta’ stabbiliment u tixrid huwa għoli u r-Riskju ta’ konsegwenzi ekoloġiċi huwa medju, il-klassifikazzjoni finali tieħu l-valur ta’ l-ogħla waħda miż-żewġ probabbiltajiet li huma għolja. Meta jkun hemm żieda fil-probabbiltà bejn iż-żewġ stimi (jiġifieri taħlita ta’ għoli u baxx) il-valur finali huwa medju.

Ir-riżultat ta’ din il-valutazzjoni ser jingħata f'termini tal-livelli ta’ riskju li ġejjin:

Ċaqliq ta’ riskju għoli:

(a) għandu riskju għoli li jagħmel ħsara lill-bijodiversità minn tixrid u konsegwenzi ekoloġiċi oħra;

(b) jaħdem f'kondizzjonijiet ta’ trobbija li jżidu r-riskju ta’ tali ħsara;

(ċ) jinvolvi faċilità ta’ l-akkwakultura li tbigħ annimali akkwatiċi ħajjin għal aktar trobbija jew tgħammir mill-ġdid;

(d) bħala konsegwenza ċ-ċaqliq huwa ta’ tħassib serju (huma meħtieġa miżuri serji ta’ mitigazzjoni). Huwa rakkomandat li l-proposta ma tiġix aċċettata sakemm ma jkunux jistgħu jiġu żviluppati proċeduri ta’ mitigazzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju għal baxx.

Ċaqliq ta’ riskju medju:

(a) għandu riskju medju li jagħmel ħsara lill-bijodiversità minn tixrid u konsegwenzi ekoloġiċi oħra;

(b) jaħdem f'kondizzjonijiet ta’ trobbija li mhux neċessarjament iżidu r-riskju ta’ tali ħsara, b'kont meħud ta’ l-ispeċi u l-kondizzjonijiet ta’ trażżin;

(ċ) jinvolvi faċilità ta’ l-akkwakultura li tbigħ il-prodotti tagħha prinċipalment għall-konsum mill-bniedem;

(d) bħala konsegwenza ċ-ċaqliq huwa ta' tħassib moderat. Huwa rakkomandat li l-proposta ma tiġix aċċettata sakemm ma jkunux jistgħu jiġu żviluppati proċeduri ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju għal baxx.

Ċaqliq ta' riskju baxx:

(a) għandu riskju baxx li jagħmel ħsara lill-bijodiversità minn tixrid u konsegwenzi ekoloġiċi oħra.

(b) jaħdem f'kondizzjonijiet ta' trobbija li ma jżidux ir-riskju ta' tali ħsara;

(ċ) jinvolvi faċilità ta' l-akkwakultura li tbigħ il-prodotti tagħha għall-konsum mill-bniedem biss;

(d) bħala konsegwenza ċ-ċaqliq huwa ta' tħassib negliġibbli. Huwa rakkomandat li l-proposta tiġi approvata. Il-mitigazzjoni mhix meħtieġa.

Il-proposta tista' tiġi approvata biss kif ippreżentata (l-ebda miżuri ta' mitigazzjoni ma huma meħtieġa) jekk il-potenzjal kumplessiv tar-riskju stmat huwa Baxx u jekk iċ-ċertezza kumplessiva li għaliha r-riskju kumplessiv ġie stmat għal Ferm Ċert jew Raġjonevolment Ċert.

Jekk, bħala riżultat ta' l-ewwel analiżi, kategorija Għoli jew Medju tiġi attribwita lir-riskju kumplessiv, imbagħad proposti ta' konteniment jew ta' mitigazzjoni għandhom jiġu inkorporati fl-applikazzjoni, li se tkun soġġetta għal analiżi tar-riskju sussegwenti sakemm il-klassifikazzjoni finali għar-riskju kumplessiv issir Baxx b'valutazzjoni Ferm Ċert jew Raġjonevolment Ċert. Deskrizzjonijiet ta' dawn il-fażijiet addizzjonali, flimkien ma' speċifikazzjonijiet dettaljati tal-miżuri ta' konteniment jew ta' mitigazzjoni, se jsiru parti integrali tal-Valutazzjoni tar-Riskju.

## PARTI 2

## PROĊESS TA' VALUTAZZJONI GĦAL SPEĊI MHUX FIL-MIR

*Fażi 1:*

**Verosimiljanza ta' stabbiliment u ta' tixrid ta' speċi mhux fil-mira lil hinn miż-żona maħsuba ta' introduzzjoni**

| Avveniment | Verosimili (Għ, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni ([1]) |
|---|---|---|---|
| Speċi mhux fil-mira hija introdotta bħala konsegwenza ta' l-introduzzjoni jew it-traslokazzjoni ta' l-organiżmi akkwatiċi. | | | |
| L-ispeċi mhux fil-mira introdotta ssib ħabitati suxxettibbli jew organiżmi ospitanti. | | | |
| Klassifikazzjoni finali ([2]) | | | |

([1]) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-ICES.
([2]) Il-klassifikazzjoni finali taħt Verosimili hija assenjata l-valur ta' l-element bl-iktar klassifikazzjoni ta' riskju baxxa u l-klassifikazzjoni finali għal-livell ta' Ċertezza hija assenjata wkoll il-valur ta' l-element bl-iktar livell baxx ta' ċertezza.

*Fażi 2*

**Konsegwenzi ta' l-istabbiliment u t-tixrid ta' speċi mhux fil-mira**

| Avveniment | Verosimili (Għ, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni ([1]) |
|---|---|---|---|
| L-ispeċi mhux fil-mira tikkompeti ma' jew tkun predatur għall-popolazzjonijiet indiġeni, u dan iwassal għall-qerda tagħhom. | | | |
| Taħlit ġenetiku ta' l-ispeċi mhux fil-mira mal-popolazzjonijiet lokali jwassal għal telfien tad-diversità ġenetika. | | | |
| Avvenimenti oħra mhux mixtieqa ta' natura ekoloġika jew patoloġika | | | |

| Avveniment | Verosimili (Gh, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (1) |
|---|---|---|---|
| Xi uħud mill-avvenimenti msemmija hawn fuq jippersistu wkoll wara t-tneħħija ta' l-ispeċi mhux fil-mira. | | | |
| Klassifikazzjoni finali (2) | | | |

(1) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-ICES.
(2) Il-klassifikazzjoni finali għall-Konsegwenzi hija assenjata l-valur ta' l-ogħla klassifikazzjoni ta' riskju u l-klassifikazzjoni finali għal-livell ta' Ċertezza hija assenjata wkoll il-valur ta' l-element bl-iktar livell baxx ta' ċertezza.

*Fażi 3*

**Potenzjal ta' riskju marbut ma' speċi mhux fil-mira**

Valur uniku jingħata abbażi tal-valutazzjonijiet imwettqa fil-Fażijiet 1 u 2:

| Komponent | Potenzjal ta' Riskju (Gh, M, B) | Ċertezza (FĊ, RĊ, RI, FI) | Kummenti b'appoġġ għall-valutazzjoni (1) |
|---|---|---|---|
| Stabbiliment u tixrid (fażi 1) | | | |
| Konsegwenzi ekoloġiċi (fażi 2) | | | |
| Klassifikazzjoni finali (2) | | | |

(1) L-evalwatur għandu jsib gwida fl-Appendiċi A u l-Appendiċi B tal-Kodiċi ta' Prattika ta' l-ICES.
(2) Il-klassifikazzjoni finali għall-potenzjal tar-riskju tingħata l-valur ta' l-element bl-iktar klassifikazzjoni ta' riskju baxxa u l-klassifikazzjoni finali għal-livell ta' Ċertezza hija assenjata wkoll il-valur ta' l-element bl-iktar livell baxx ta' ċertezza.

Il-kondizzjonijiet applikabbli għall-valutazzjonijiet tal-potenzjal tar-riskju marbut ma' l-ispeċi aljena (parti 1) għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għal dan il-potenzjal ta' riskju marbut ma' l-ispeċi mhux fil-mira (parti 2), inkluż l-obbligu li jiġu introdotti miżuri ta' konteniment u ta' mitigazzjoni.

PARTI 3

**VALUTAZZJONI TAR-RISKJU AMBJENTALI KUMPLESSIV – RAPPORT FIL-QOSOR**

- Passat, sfond u raġuni għat-talba:
  - Informazzjoni fil-qosor dwar il-valutazzjoni tar-riskju
  - Sintesi tal-valutazzjoni tar-riskji ekoloġiċi u ġenetiċi
  - Sintesi tal-valutazzjoni tar-riskju għall-ispeċi mhux fil-mira
- Kummenti:
- Miżuri ta' mitigazzjoni:
- Dikjarazzjoni ta' konklużjoni dwar ir-Riskju potenzjali totali ta' l-organiżmu:
- Parir lill-awtorità kompetenti:

*ANNESS III*

**Kwarantina**

Il-kwarantina hija l-mezz li bih annimali jew pjanti ħajjin u kwalunkwe wieħed mill-organiżmi assoċjati tagħhom jinżammu f'iżolament sħiħ mill-ambjent ċirkondanti sabiex jiġi pprevjenut impatt fuq speċi selvaġġi u dawk imrobbija u bidliet mhux mixtieqa lil ekosistemi naturali.

Huwa meħtieġ li l-ispeċi aljeni jew li ma jinstabux lokalment jinżammu fi kwarantina għal biżżejjed żmien sabiex jinstabu l-ispeċi kollha mhux fil-mira u sabiex jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' patoġeni jew mard. L-unità għandha tinbena skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tinsab li għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni tagħha. It-tul tal-kwarantina jrid jiġi indikat fil-permess. Jekk il-faċilità ma tinsabx fl-Istat Membru riċeventi, il-kumitat konsultattiv responsabbli għall-faċilità u l-kumitat konsultattiv fl-Istat Membru riċeventi jridu jaqblu dwar it-tul tal-kwarantina.

L-operaturi għandhom imexxu l-faċilitajiet ta' kwarantina skond il-kondizzjonijiet li ġejjin. Barra minn hekk, l-operatur irid ikollu programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità u manwal operattiv.

Għall-għan ta' dan l-Anness, meta applikazzjoni tirreferi għal traslokazzjoni proposta, it-termini introduzzjoni/introdott (i) għandhom jinbidlu bi traslokazzjoni/traslokat(i).

*Effluwent u rimi ta' l-iskart*

L-effluwenti u l-iskart kollha li jiġu ġġenerati fil-faċilità jridu jiġu ttrattati b'mod li effettivament jeqred lill-ispeċi fil-mira kollha possibbli u l-organiżmi assoċċjati. Sabiex jiġu żgurati l-operazzjoni kontinwa u l-konteniment komplet, is-sistemi ta' trattament ta' l-effluwent tal-kwarantina jridu jkunu mgħammra b'mekkaniżmi emerġenza *fail-safe*.

L-effluwent u l-iskart ittrattati jista' jkun fihom sustanzi li jagħmlu ħsara lill-ambjent (eż. sustanzi *antifouling*) u għandhom jintremaw b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali.

Id-dettalji tat-trattament ta' l-effluwent u l-iskart solidu jridu jithejjew, bl-elenkar tal-persunal responsabbli għat-trattamenti u għaż-żmien meta dawn għandhom jitwettqu. Irid isir monitoraġġ tas-sistema sabiex jiġu żgurati t-tħaddim effettiv u s-sejba minn kmieni ta' ħsarat possibbli.

*Separazzjoni fiżika*

L-organiżmi li ġew trasferiti jridu jinżammu separati minn organiżmi oħra sabiex ikun żgurat il-konteniment. Dan jeskludi speċi sentinella li jiġu inklużi speċifikament sabiex jiġu ttestjati l-effetti ta' l-ispeċi introdotti. Ma jridux jitħallew jidħlu għasafar, annimali oħra, aġenti ta' mard u kontaminanti.

*Persunal*

L-aċċess għandu jkun ristrett għal persunal imħarreġ u awtorizzat. Żraben, idejn u kwalunkwe materjal li jintuża fil-faċilità għandhom jiġu diżinfettati (ara taħt) qabel il-ħruġ mill-faċilità.

*Tagħmir*

Malli jaslu, l-istadji kollha tal-ħajja, it-tankijiet, l-ilma, il-konteNituri tal-merkanzija u t-tagħmir li jiġi f'kuntatt ma' l-ispeċi introdotti, inklużi l-vetturi tat-trasport, iridu jiġu ttrattati b'tali mod li jiġi żgurat li ma jseħħx il-ħrib ta' l-ispeċi jew ta' speċi assoċjati mhux fil-mira mill-faċilità. Il-materjali kollha tal-vjeġġ u ta' l-ippakkjar iridu jiġu diżinfettati jew maħruqa jekk il-ħruq tal-materjal huwa awtorizzat.

*Mortalità u r-rimi ta' organiżmi mejta*

Iridu jinżammu rekords ta' kuljum dwar l-imwiet u dawn għandhom ikunu disponibbli għal spezzjoni mill-awtorità kompetenti. L-organiżmi mejta kollha jridu jinżammu fil-post. L-ebda organiżmu mejjet, tessuti jew qxur ma għandhom jintremew mingħajr it-trattament approvat sabiex tiġi żgurata d-diżinfezzjoni totali. Jistgħu jintużaw trattamenti bis-sħana bħalma huma l-*autoclaving* jew l-isterlizzazzjoni kimika.

Il-mortalità għandha tiġi rrappurtata lill-awtorità kompetenti u l-Istati Membri iridu jinvestigaw il-kawża ta' l-imwiet fil-ħin. Il-ħut mejjet irid jiġi maħżun, ittrasportat u mormi skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux intenzjonti għall-konsum mill-bniedem ([1]).

*Spezzjoni u ttestjar*

Spezzjonijiet regolari jridu jitwettqu għal speċi mhux fil-mira. Jekk speċi bħal dawn jew mard jew parassiti li qabel kinux ġew osservati jiġu identifikati f'organiżmu, iridu jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu l-qerda ta' l-organiżmi u d-diżinfezzjoni tal-faċilità.

*Tul ta' żmien*

It-tul ta' żmien tal-kwarantina jvarja skond l-organiżmu in kwistjoni, l-istaġjonalità ta' l-ispeċi mhux fil-mira interessata u l-kondizzjonijiet ta' trobbija.

*Żamma tar-rekords*

Il-faċilitajiet ta' kwarantina jridu jżommu rekords preċiżi dwar dan li ġej:

— il-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tal-persunal;

— in-numru ta' mwiet u l-metodu ta' ħażna jew rimi;

— it-trattament ta' l-ilma li jidħol fil-faċilità u ta' l-effluwent

— il-kampjuni ppreżentati lill-esperti sabiex isiru testijiet għal speċi mhux fil-mira;

— kwalunkwe kondizzjoni anormali li taffettwa l-operat ta' kwarantina (qtugħ ta' dawl, ħsara lill-bini, kondizzjonijiet ta' maltemp serju, eċċ.).

*Diżinfettar*

Id-diżinfettar jinvolvi l-applikazzjoni ta' diżinfettanti f'konċentrazzjonijiet biżżejjed u għal biżżejjed ħin sabiex jinqerdu l-organiżmi ta' ħsara. Id-diżinfettanti u l-konċentrazzjonijiet għad-diżinfettar ta' kwarantina jridu jkunu bbażati fuq diżinfettar sħiħ ta' l-ilma baħar u ta' l-ilma ħelu. Konċentrazzjonijiet simili jridu jintużaw għad-diżinfettar ta' rutina tal-faċilità. Huwa rakkomandat li d-diżinfettanti kollha jiġu newtralizzati qabel ma jiġu rilaxxati fl-ambjent ċirkondanti u l-faċilitajiet li jużaw l-ilma baħar iridu jieħdu ħsieb l-ossidanti reżidwi prodotti matul id-diżinfezzjoni kimika. Fil-każ ta' emerġenza, bħal is-sejba ta' parassita importat jew aġent ta' mard, irid ikun hemm biżżejjed diżinfettant disponibbli sabiex tiġi trattata l-faċilità kollha kemm hi.

---

([1]) ĠU L 273, 31.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2007/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 98).

*ANNESS IV*

**Lista ta' speċi prevista mill-Artikolu 2(5)**

Trota qawsalla, Oncorhynchus mykiss

Trota tan-nixxiegħa, Salvelinus *fontinalis*

Karpjun komuni, *Cyprinus carpio*

Karpjun Erbivoru, Ctenopharyntgodon *idella*

Karpjun Fiddieni, Hypophthalmichthys *molitrix*

Big head carp, *Aristichtys nobilis*

Gajdra tal-Paċifiku, *Crassostrea gigas*

Gandoffla Ġappuniża, *Ruditapes philippinarum*

Large-mouth bass, *Micropterus salmoides*

Arctic char, Salvelinus alpinus

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-25 ta' Ġunju 2007**

**li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"**

(2007/435/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (3) (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali Ekonomiku Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]),

Billi:

(1) Minħabba l-istabbiliment progressiv ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat jipprevedi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jiżguraw il-moviment liberu ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ għall-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri dwar l-asil, l-immigrazzjoni u s-salvagwardja tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, iddikjara li l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirresjedu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri tagħha. Politika ta' integrazzjoni aktar qawwija għandha jkollha l-għan li tagħtihom drittijiet u obbligi komparabbli ma' dawk taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Din għandha ssaħħaħ ukoll in-non-diskriminazzjoni fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali u tiżviluppa miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.

(3) L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri hija element prinċipali għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, li hija objettiv fundamentali tal-Komunità kif iddikjarat fit-Trattat. Madankollu, b'konsiderazzjoni tat-Trattat, il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") għandu jkun primarjament immirat lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif waslu, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ko-finanzjament ta' azzjonijiet konkreti li jappoġġaw il-proċess ta' integrazzjoni.

(4) Fil-Programm ta' l-Aja ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew issottolinja li biex jinkiseb l-objettiv ta' stabbilità u koeżjoni fis-soċjetajiet ta' l-Istati Membri, huwa essenzjali li tiġi żviluppata politika effettiva. Huwa jappella għal aktar koordinazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni nazzjonali abbażi ta' qafas komuni u jistieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu skambjar strutturali ta' esperjenza u informazzjoni dwar l-integrazzjoni.

(5) Kif mitlub fil-Programm ta' l-Aja, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fid-19 ta' Novembru 2004 stabbilixxew "Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika ta' integrazzjoni ta' l-immigranti fl-Unjoni Ewropea" (minn hawn 'il quddiem msejħa "il-Prinċipji Bażiċi Komuni"). Il-Prinċipji Bażiċi Komuni jgħinu lill-Istati Membri biex jifformulaw politika ta' integrazzjoni billi joffrulhom gwida

([1]) Opinjoni ta' l-14 ta' Frar 2006 (ĠU C 88, 11.4.2006, p. 15).
([2]) Opinjoni tas-16 ta' Novembru 2005 (ĠU C 115, 16.5.2006, p. 47).
([3]) Opinjoni ta' l-14 ta' Novembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

maħsuba ta' prinċipji bażiċi li fuqhom huma jistgħu jiġġudikaw u jivvalutaw l-isforzi tagħhom stess.

(6) Il-Prinċipji Bażiċi Komuni huma komplimentari għal u f'sinerġija sħiħa ma' l-istrumenti leġislattivi Komunitarji dwar l-ammissjoni u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirresjedu legalment fir-rigward tar-riunjoni tal-familja u r-residenti għal perjodu fit-tul, u oqfsa leġislattivi eżistenti oħra li huma rilevanti, inklużi dawk rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-non-diskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

(7) Filwaqt li jfakkru fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Settembru 2005 dwar Aġenda komuni għall-Integrazzjoni: qafas għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dik l-aġenda ta' l-1 u t-2 ta' Diċembru 2005 jissottolinjaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-politika ta' integrazzjoni ta' l-Istati Membri u jirrikonoxxu l-importanza li jiġi definit qafas f'livell Ewropew għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirresjedu legalment fl-aspetti kollha tas-soċjetà u b'mod partikolari miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Bażiċi Komuni.

(8) In-nuqqas ta' Stat Membru individwali li jiżviluppa u jimplimenta politika ta' integrazzjoni jista' jkollu b'modi differenti implikazzjonijiet negattivi għal Stati Membri oħrajn u għall-Unjoni Ewropea.

(9) Biex tissaħħaħ din il-programmazzjoni fil-qasam ta' l-integrazzjoni, l-Awtorità baġitarja daħħlet approprjazzjonijiet speċifiċi fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea mill-2003 sa l-2006 għall-finanzjament ta' proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija fil-qasam ta' l-integrazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "INTI").

(10) Fid-dawl ta' l-INTI u b'referenza għall-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-impjieg u għall-Ewwel rapport annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, qed titqies il-ħtieġa li mill-2007 'il quddiem il-Komunità tingħata strument speċifiku mfassal biex jikkontribwixxi għall-isforzi nazzjonali ta' l-Istati Membri biex tiġi żviluppata u implimentata politika ta' integrazzjoni li tagħmilha possibbli li ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' sfond kulturali, reliġjuż, lingwistiku u etniku differenti, jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' residenza u li tiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet Ewropej, skond il-Prinċipji Bażiċi Komuni u b'komplementarjetà mal-Fond Soċjali Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FSE").

(11) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-rispons tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-FSE u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu żviluppati arranġamenti speċifiċi ta' programmazzjoni konġunta biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-rispons tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-FSE u l-Fond.

(12) Meta wieħed jikkunsidra li l-Fond u l-FSE huma taħt ġestjoni kondiviża ma' l-Istati Membri, għandhom isiru arranġamenti wkoll f'livell nazzjonali biex tiġi żgurata konsistenza fl-implimentazzjoni. Għal dak il-fini, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Fond, għandhom jintalbu jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri biex imexxu l-implimentazzjoni tal-FSE u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati u jiżguraw li l-azzjonijiet taħt dan il-Fond għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-FSE u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

(13) Din id-Deċiżjoni għandha tkun immirata primarjament, safejn tikkonċerna l-finanzjament konġunt ta' l-azzjonijiet konkreti li jappoġġaw il-proċess ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, lejn azzjonijiet li jirrelataw ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għandhom kemm waslu. F'dan il-kuntest tista' ssir referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul ([1]) li tirreferi għall-perjodu ta' ħames snin ta' residenza legali li miegħu għandhom ikunu konformi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jikkwalifikaw għall-istat ta' residenza fit-tul.

(14) Il-Fond għandu jappoġġa wkoll lill-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw b'mod ġenerali l-istrateġiji, il-politika u l-miżuri kollha dwar l-integrazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattika u kooperazzjoni fi u bejn Stati Membri li jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' din il-kapaċità.

(15) Din id-Deċiżjoni hija mfassla biex tifforma parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sa l-2013, bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([2]), id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([3]), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 575/2007/KE tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([4]), li jimmira li jindirizza l-kwistjoni ta' qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-piż finanzjarju li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' linji politiċi komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tat-Trattat.

([1]) ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.
([2]) ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
([4]) ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45.

(16) L-appoġġ ipprovdut mill-Fond ikun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk il-ko-finanzjament ta' azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programmar strateġiku pluriennali mfassal minn kull Stat Membru fi djalogu mal-Kummissjoni.

(17) Abbażi ta' linji gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmazzjoni pluriennali li jieħu kont tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu u jistabbilixxi l-istrateġija ta' żvilupp tiegħu li għandha ssawwar il-qafas għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu elenkati fil-programmi annwali.

(18) Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża, kif imsemmi fl-Artikolu 53(1), punt b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbilitajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu speċifikati u l-obbligi għall-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri għandhom ikunu kjarifikati. L-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet tagħmilha possibbli li l-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jużaw il-Fond b'mod leġittimu u korrett u skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda fis-sens ta' l-Artikolu 27 u l-Artikolu 48(2) tar-Regolment Finanzjarju.

(19) Għandhom jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi biex jiġu allokati riżorsi annwali disponibbli lill-Istati Membri. Dawn il-kriterji għandhom jieħdu kont tan-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jirresjedu legalment fl-Istati Membri u t-total ta' l-ammissjoni ġdida ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'perjodu ta' referenza partikolari.

(20) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu l-funzjonament proprju tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-kwalità ta' l-implimentazzjoni. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha għandhom jissodisfaw.

(21) Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, l-Istati Membri għandhu jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni u l-kontroll ta' l-interventi tal-Fond.

(22) L-obbligi fuq l-Istati Membri dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, iċ-ċertifikazzjoni ta' l-infiq, u l-prevenzjoni, is-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ksur tal-liġi Komunitarja għandhom ikunu speċifikati biex tkun garantita l-implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi pluriennali u annwali tagħhom. B'mod partikolari, safejn jirrigwardja l-ġestjoni u l-kontroll, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-arranġamenti li bihom l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi rilevanti jkunu stabbiliti u qed jitħaddmu b'mod sodisfaċenti.

(23) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni rigward il-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiġi nkoraġġuta.

(24) L-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġati b'dan il-Fond jiddependu wkoll fuq l-evalwazzjoni tagħhom u t-tixrid tar-riżultati tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward u l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-affidibbiltà tal-evalwazzjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni relatata, għandhom jiġu formalizzati.

(25) L-azzjonijiet għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb ta' reviżjoni f'nofs it-terminu u b'valutazzjoni ta' l-impatt, u l-proċess ta' l-evalwazzjoni għandu jiġi inkorporat fl-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-proġett.

(26) Waqt li tinżamm preżenti l-importanza tal-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida biex tiffaċilita r-rikonoxximent xieraq ta' l-appoġġ li jingħata minn kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva, organizzazzjoni internazzjonali jew entità oħra li tirċievi għotja mill-Fond b'kont meħud tal-prattika fir-rigward ta' strumenti oħrajn taħt il-ġestjoni kondiviża, bħall-Fondi Strutturali.

(27) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-dewmien sħiħ tal-programm fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda, mingħajr ma jaffettwa b'dan is-setgħat ta' l-awtorità baġetarja kif inhuma definiti fit-Trattat.

(28) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet ospitanti ta' l-Istati Membri, fil-qafas tal-Prinċipji Bażiċi Komuni, ma jistgax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar mill-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(29) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

(30) Sabiex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat fil-ħin, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

[1] ĠU L 248,16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

(31) Skond l-Artikoli 1 u 2 jew il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(32) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, l-Irlanda tat notifika, permezz ta' l-ittra tas-6 ta' Settembru 2005, tax-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(33) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, ir-Renju Unit ta notifika, permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Ottubru 2005, tax-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, OBJETTIVI U AZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Fond"), bħala parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE, u d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-objettivi li għalihom jikkontribwixxi l-Fond, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Hija tistabbilixxi r-regoli ta' ġestjoni tal-Fond, inkluż regoli finanzjarji, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll ibbażati fuq il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu fit-territorju ta' pajjiż terz u li jikkonformaw ma' miżuri speċifiċi ta' qabel it-tluq u/jew kondizzjonijiet imniżżlin fil-liġi nazzjonali, inklużi dawk rigward l-abbiltà ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dan l-Istat Membru jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

3. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu applikaw għall-asil li dwaru għadha ma tteħditx deċiżjoni finali, jew li jgawdu status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja, jew jikkwalifikaw bħala refuġjati jew huma eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala rifuġjati jew inkella bħala persuni li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija lilhom ([1]), għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

4. Ċittadin ta' pajjiżi terzi tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin ta' l-Unjoni fis-sens ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

*Artikolu 2*

**Objettiv ġenerali tal-Fond**

1. L-objettiv ġenerali tal-Fond huwa li jappoġġa l-isforzi magħmul mill-Istati Membri biex jagħmluha possibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' sfond ekonomiku, soċjali, kulturali, reliġjuż, lingwistiku u etniku differenti biex jissodisfaw l-kondizzjonijiet ta' residenza u biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet Ewropej.

Il-Fond għandu primarjament jiffoka fuq azzjonijiet relatati ma' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom jaslu.

2. Sabiex jippromwovi l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 il-Fond ser jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-aspetti kollha tas-soċjetà filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari tal-prinċipju li l-integrazzjoni hija proċess dinamiku minn żewġ naħat ta' akkomodazzjoni reċiproka mill-immigranti u r-residenti kollha ta' l-Istati Membri.

3. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Objettivi speċifiċi**

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) il-faċilitazzjoni ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ammissjoni rilevanti u ta' appoġġ għall-proċess ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif waslu fl-Istati Membri;

(ċ) żieda fil-kapaċità ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politika u l-miżuri għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(d) Skambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattika u l-kooperazzjoni fi u bejn l-Istati Membri fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politika u miżuri għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

([1]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.

*Artikolu 4*

**Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Rigward l-objettiv definit fl-Artikolu 3(a), il-Fond għandu jappoġġa azzjonijiet fl-Istati Membri li:

(a) jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' proċeduri ta' ammissjoni, inter alia billi jiġu appoġġati proċessi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti u l-parir espert jew skambji ta' informazzjoni dwar approċċi li huma mmirati għal ċittadinanzi jew kategoriji ta' ċittadini speċifiċi ta' pajjiżi terzi;

(b) jagħmlu l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' ammissjoni aktar effettivi u aċċessibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi inter alia billi jużaw Komunikazzjoni u Teknoloġija ta' l-Informatika li huma faċli għall-utent, kampanji ta' informazzjoni u proċeduri ta' għażla;

(ċ) iħejju liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà ospitanti b'mod aħjar billi jappoġġaw miżuri ta' qabel il-vjaġġ li jippermettulhom jiksbu għarfien u ħiliet meħtieġa għall-integrazzjoni tagħhom, bħal taħriġ vokazzjonali, pakketti ta' informazzjoni, korsijiet komprensivi ta' orjentazzjoni ċivika u tagħlim tal-lingwa fil-pajjiż ta' l-oriġini.

2. Rigward l-objettiv definit fl-Artikolu 3(b), il-Fond għandu jappoġġa azzjonijiet fl-Istati Membri li:

(a) ifasslu programmi u attivitajiet li jimmiraw li jintroduċu ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom jaslu fis-soċjetà ospitanti u jippermettulhom jiksbu għarfien bażiku dwar il-lingwa, l-istorja, l-istituzzjonijiet, il-fatturi soċjo ekonomiċi, il-ħajja kulturali u n-normi u l-valuri fondamentali tas-soċjetà ospitanti, kif ukoll li jikkomplementaw tali programmi u attivitajiet eżistenti;

(b) jiżviluppaw u jtejbu l-kwalità ta' tali programmi u attivitajiet fil-livell lokali u reġjonali, b'enfasi partikolari fuq l-orjentazzjoni ċivika;

(ċ) isaħħu l-kapaċità ta' tali programmi u attivitajiet biex jilħqu gruppi partikolari, bħal dipendenti ta' persuni soġġetti għall-proċeduri ta' ammissjoni, tfal, nisa, anzjani, illiterati jew persuni b'diżabbilità;

(d) iżidu l-flessibbiltà ta' tali programmi u attivitajiet, b'mod partikolari permezz ta' korsijiet part-time, moduli mħaffin, sistemi ta' tagħlim minn distanza jew b'mezzi elettroniċi jew mudelli simili, li jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jlestu l-programmi u l-attivitajiet filwaqt li jaħdmu jew jistudjaw fl-istess ħin;

(e) jiżviluppaw u jimplimentaw tali programmi jew attivitajiet, immirat lejn ċittadini żgħażagħ ta' pajjiżi terzi, bi sfidi soċjali u kulturali speċifiċi relatati ma' kwistjonijiet ta' identità;

(f) jiżviluppaw tali programmi jew attivitajiet li jinkoraġġixxu l-ammissjoni u jappoġġaw il-proċess ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz bi kwalifikazzjoni għolja jew kwalifikati.

3. Rigward l-objettivi definiti fl-Artikolu 3(ċ) u (d), il-Fond għandu jappoġġa azzjonijiet fi u bejn Stati Membri li:

(a) itejbu l-aċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal oġġetti u servizzi pubbliċi u privati, inter alia permezz ta' servizzi intermedjarji, servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni u billi jtejbu l-kapaċitajiet interkulturali tal-persunal;

(b) jibnu strutturi ta' organizzazzjoni sostenibbli għall-integrazz-
joni u l-ġestjoni tad-diversità, jippromwovu parteċipazzjoni li ddum u sostenibbli fil-ħajja ċivika u kulturali, u jiżviluppaw modi ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati rilevanti differenti biex uffiċjali f'diversi livelli jkunu jistgħu jiskbu malajr informazzjoni dwar esperjenzi u prattika x'imkien ieħor u, fejn possibbli, biex jinġabru r-riżorsi;

(ċ) jiżviluppaw u jimplimentaw taħriġ interkulturali, bini tal-kapaċità u ġestjoni tad-diversità, taħriġ tal-persunal fi ħdan il-forrnituri ta' servizz pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni;

(d) isaħħu l-kapaċità tal-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' strateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-livelli u d-dipartimenti differenti tal-gvern;

(e) jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni ta' proċeduri ta' ammissjoni jew għall-programmi u l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 2 billi jappoġġaw stħarriġ rappreżentattiv fost ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu bbenefikaw minnhom u/jew fost partijiet interessati rilevanti, bħal impriżi, organizzazzjonijiet mhux governattivi u awtoritajiet reġjonali jew lokali;

(f) jintroduċu u jimplimentaw skemi biex tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, f'livell lokali jew reġjonali, billi jinvolvu pjattaformi għall-konsultazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati, u billi jsir stħarriġ fost il-komunitajiet ta' l-immigranti dwar l-aħjar rispons għal dawk il-ħtiġijiet;

(g) jikkontribwixxu għall-proċess miż-żewġ naħat li huwa bażiku għall-politika ta' integrazzjoni billi jiżviluppaw pjattaformi għall-konsultazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-iskambju ta' informazzjoni bejn partijiet interessat u pjattaformi ta' djalogu interkulturali, reliġjuż u dwar twemmin komuni bejn komunitajiet u/jew bejn komunitajiet u l-awtoritajiet li jfasslu l-politika u jieħdu deċiżjonijiet;

(h) jiżviluppaw indikaturi u livelli għall-kejl tal-progress f'livell nazzjonali;

(i) jiżviluppaw għodod ta' monitoraġġ u skemi ta' evalwazzjoni ta' kwalità għolja għall-politika u miżuri ta' integrazzjoni.

(j) jżidu l-aċċettazzjoni tal-migrazzjoni f'soċjetajiet ospitanti kif ukoll l-aċċettazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni permezz ta' kampanji li jżidu l-għarfien, b'mod partikolari fil-medja.

*Artikolu 5*

**Azzjonijiet Komunitarji**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża sa 7 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha (minn hawn 'il quddiem msejħa "azzjonijiet Komunitarji") rigward il-politika ta' immigrazzjoni u integrazzjoni .

2. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet Komunitarji għandhom b'mod partikolari:

(a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità biex ikunu implimentati l-liġijiet tal-Komunità u l-prattika tajba fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni;

(b) jappoġġaw l-istabbiliment ta' networks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn korpi minn żewġ Stati Membri jew aktar, li jkunu mfasslin biex jistimolaw l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba u jtejbu l-kwalità tal-linji politiċi ta' l-integrazzjoni;

(ċ) jappoġġaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

(d) jappoġġaw studji, disseminazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattika u l-aspetti l-oħrajn kollha tal-linji politiċi dwar l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni, inkluż għall-użu ta' teknoloġija mill-aktar moderna,

(e) jappoġġaw proġetti pilota u studji li jesploraw il-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni u l-liġi Komunitarja fil-qasam ta' l-immigrazzjoni;

(f) jappoġġaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika komuni mill-Istati Membri biex jiġu mkejla żviluppi ta' politika fl-oqsma ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjonijiet Komunitarji għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

KAPITOLU II

**PRINĊIPJI TA' ASSISTENZA**

*Artikolu 6*

**Komplementarjetà, konsistenza u konformità**

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza li tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reazzjoni tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Fond għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza mill-Fond u mill-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-linji politiċi u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera l-aktar fil-programm pluriennali msemmi fl-Artikolu 18.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħthom.

*Artikolu 7*

**Programmazzjoni**

1. L-objettivi tal-Fond għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' perjodu tal-programmazzjoni pluriennali (mill-2007 sa l-2013), soġġett għal reviżjoni ta' nofs it-terminu, skond l-Artikolu 20. Is-sistema ta' programmazzjoni pluriennali għandha tinkludi l-prijoritajiet u l-proċess tal-ġestjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

*Artikolu 8*

**Intervent sussidjarju u proporzjonali**

1. L-implimentazzjoni tal-programmi pluriennali u annwali msemmijin fl-Artikoli 17 u 19 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fil-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbiltà għandha tiġi eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. F'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet ta' verifika l-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandhom ivarjaw skond id-daqs tal-kontribuzzjoni Komunitarja. L-istess prinċipju għandu wkoll japplika għad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u r-rapporti dwar il-programmi pluriennali u annwali.

*Artikolu 9*

**Metodi ta' implimentazzjoni**

1. Il-baġit tal-Komunità allokat għall-Fond għandu jiġi implimentat skond l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, bl-eċċezzjoni ta' l-azzjonijiet Komunitarji msemmijin fl-Artikolu 5 u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 14. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

2. Il-Kummissjoni għandha teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea billi:

(a) tikkontrolla l-eżistenza u l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 30;

(b) iżżomm jew tissospendi l-ħlasijiet kollha jew partijiet minnhom bi qbil mal-proċeduri deskritti f l-Artikoli 39 u 40 jekk is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll jonqsu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 43 u 44.

*Artikolu 10*

**Sħubija**

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali attwali, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-korpi li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali jew li, skond l-Istat Membru konċernat, jistgħu jipprovdu kontribut utli għall-iżvilupp tiegħu.

Tali awtoritajiet u korpi jistgħu jinkludu l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u oħrajn pubbliċi kompetenti, organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi organizzazzjonijiet ta' emigranti, jew imsieħba soċjali.

Din is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni maħturin mill-Istati Membri għall-fini tal-ġestjoni ta' l-interventi tal-Fond Soċjali Ewropew u l-awtorità responsabbli għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

2. Tali sħubija għandha titwettaq f'konformità sħiħa mal-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħba.

KAPITOLU III

**QAFAS FINANZJARJU**

*Artikolu 11*

**Riżorsi globali**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati minn dan il-Fond għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 825 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tqassim annwali indikattiv għal kull Stat Membru skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12.

*Artikolu 12*

**Distribuzzjoni annwali ta' riżors għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' EUR 500,000 mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

Dan l-ammont għandu jkun iffissat għal EUR 500,000 fis-sena għall-Istati Membri li se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea matul il-perjodu mill-2007 sa l-2013, għall-parti li tibqa' tal-perjodu mill-2007 sa l-2013 mis-sena ta' wara l-adeżjoni tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżorsi annwali disponibbli għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 40 % fi proporzjon għall-medja tan-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jirresjedu legalment fl-Istati Membri matul it-tliet snin preċedenti; u

(b) 60 % fi proporzjon għan-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru biex jirresjedi fit-territorju tiegħu matul it-tliet snin preċedenti

3. Madankollu, għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2(b), il-kategoriji ta' persuni li ġejjin m'għandhomx ikunu inklużi:

(a) ħaddiema staġonali, kif definiti taħt il-liġi nazzjonali;

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għall-finijiet ta' studji, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE ([1]);

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika skond id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE ([2]);

(d) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu rċevew tiġdid ta' awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru jew bdil fl-istatus, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu status ta' residenza għal perjodu fit-tul skond id-Direttiva 2003/109/KE.

4. Il-figuri ta' referenza għandhom ikunu l-aħħar statistika magħmula mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri skond il-liġi Komunitarja.

Meta l-Istati Membri ma jkunux taw l-istatistika kkonċernata lill-Kummissjoni (Eurostat), huma għandhom jipprovdu data proviżorja malajr kemm jista' jkun.

---

([1]) ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.

([2]) ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.

Qabel taċċetta din id-data bħala figuri ta' referenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità, il-paragunabbiltà u l-kompletezza ta' l-informazzjoni statistika skond il-proċeduri operattivi normali. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jagħtuha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tagħmel dan.

*Artikolu 13*

**Struttura ta' finanzjament**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandhom jiġu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-approprjazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għall-infiq pubbliku jew l-ekwivalenti tiegħu allokat mill-Istati Membri għall-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-proġetti appoġġati, fir-rigward ta' azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, m'għandhiex teċċedi 50 % ta' l-infiq totali ta' azzjoni speċifika.

Din tista' tiżdied sa 75 % għall-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji gwida strateġiċi kif definit fl-Artikolu 18.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni nazzjonali kif imniżżel fil-Kapitolu IV, l-Istati Membri għandhom jagħżlu proġetti għall-finanzjament abbażi tal-kriterji minimi li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet fl-Istat Membru;

(b) il-kost-effettività ta' l-infiq, inter alia bil-konsiderazzjoni tan-numru ta' persuni konċernati fil-proġett;

(ċ) l-esperjenza, il-kompetenza, l-affidabbiltà u l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika għall-finanzjament u ta' kwalunkwe organizzazzjoni msieħba;

(d) il-punt sa liema l-proġetti jikkomplementaw azzjonijiet oħra ffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew bħala parti minn programmi nazzjonali.

6. Bħala regola ġenerali, għajnuna finanzjarja Komunitarja għal azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandha tingħata għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin, soġġett għal rapporti ta' progress perjodiċi.

*Artikolu 14*

**Assistenza teknik fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha, soġġett għal limitu ta' EUR 500 000 ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, kif ukoll miżuri ta' evalwazzjoni, verifika u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) studji, evalwazzjonijiet, rapporti ta' l-esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar l-operat tal-Fond;

(b) miżuri ta' informazzjoni għall-Istati Membri l-benefiċjarji finali u l-pubbliku ġenerali, inklużi kampanji li jżidu l-għarfien u database komuni dwar il-proġetti ffinanzjati taħt il-Fond;

(ċ) l-installazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni;

(d) it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ kif ukoll sistema ta' indikaturi, b'kont meħud, fejn xieraq, ta' indikaturi nazzjonali;

(e) titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattika f'dan il-qasam.

(f) miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-awtoritajiet magħżulin mill-Istati Membri skond il-Kapitolu V, komplementari ma' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jipprovdu gwida lill-awtoritajiet tagħhom skond l-Artikolu 30(2).

*Artikolu 15*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont imwarrab għal assistenza teknika taħt kull programm annwali ma jistax jeċċedi:

a) għall-perjodu mill-2007 sa l-2010, 7 % ta' l-ammont annwali totali tal-ko-finanzjament allokat lill-Istat Membru, biż-żieda ta' EUR 30 000; u

b) għall-perjodu mill-2011 sa l-2013, 4 % ta' l-ammont annwali totali tal-ko-finanzjament allokat lill-Istat Membru, bl-addizzjoni ta' EUR 30 000.

KAPITOLU IV

**PROGRAMMAZZJONI**

*Artikolu 16*

**Adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u oqsma oħra relatati ma' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perjodu konċernat.

2. Għal kull wieħed mill-objettivi tal-Fond, dawk il-linji gwida għandhom jagħtu effett b'mod partikolari lill-prijoritajiet tal-Komunità biex jiġu promossi l-Prinċipji Bażiċi Komuni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida strateġiċi relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni pluriennali sal-31 ta' Mejju 2007.

4. L-linji gwida strateġiċi għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 17*

**Tħejjija u approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jipproponi abbażi tal-linji gwida strateġiċi msemmijin fl-Artikolu 16, abbozz ta' programm pluriennali li għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti f'dak l-Istat Membru fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali fid-dawl tal-Prinċipji Bażiċi Komuni u, fejn ikun disponibbli, fir-rigward ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' ammissjoni u introduzzjoni;

(b) analiżi tal-ħtiġiet fl-Istat Membru konċernat dwar l-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni u, fejn ikunu disponibbli, programmi ta' ammissjoni u introduzzjoni, u indikazzjoni ta' l-objettivi operattivi imfasslin biex jiġu sodisfatti dawn il-ħtiġiet matul il-perjodu kopert mill-programm pluriennali;

(ċ) il-preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-objettivi u l-prijoritajiet marbutin mal-kisba tagħhom, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti għall- implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk dik l-istrateġija hix kompatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali u Komunitarji oħrajn;

(e) informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom jiġu kwantifikati bl-użu ta' numru limitat ta' indikaturi, b'kont meħud tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jippermettu li jitkejjel il-progress imqabbel mas-sitwazzjoni tal-bidu u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) deskrizzjoni ta' l-approċċ magħżul għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija stabbilit fl-Artikolu 10;

(g) abbozz ta' pjan ta' finanzjament li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull programm annwali, il-kontribuzzjoni finanzjarja proposta tal-Fond u l-ammont globali ta' ko-finanzjament pubbliku jew privat;

(h) deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex tkun żgurata il-kumplementarjetà ta' azzjonijiet ma' dawk iffinanzjati taħt l-ESF;

(i) id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex jiġi żgurat li l-programm pluriennali jsir pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji gwida strateġiċi għall-perjodu konċernat.

3. Sabiex tapprova l-abbozz tal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha teżamina

(a) il-konsistenza ta' l-abbozz tal-programm pluriennali ma' l-objettivi tal-Fond u l-linji gwida strateġiċi definiti fl-Artikolu 16;

(b) il-rilevanza ta' l-azzjonijiet previsti fl-abbozz tal-programm pluriennali fid-dawl ta' l-istrateġija li hija proposta;

(ċ) il-konformità ta' l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' l-abbozz tal-programm pluriennali mad-dritt Komunitarju u b'mod partikolari mal-liġi Komunitarja li timmira li tiżgura l-moviment liberu ta' persuni flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil u l-immigrazzjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li abbozz ta' programm pluriennali ma jkunx konsistenti mal-linji gwida strateġiċi jew ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew skond id-dritt Komunitarju, hija għandha titlob lill-Istat Membru biex jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm pluriennali kif meħtieġ.

5. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm pluriennali fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni formali tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 18*

**Reviżjoni tal-programmi pluriennali**

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru konċernat jew il-Kummissjoni, il-programm pluriennali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perjodu tal-programmazzjoni sabiex jikkunsidra aktar jew b'mod differenti l-prijoritajiet Komunitarji Programmi pluriennali jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' evalwazzjonijiet u/jew wara diffikultajiet ta' implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova r-reviżjoni tal-programm pluriennali malajr kemm jista' jkun wara s-sottomissjoni formali ta' talba għal dan mill-Istat Membru konċernat. Ir-reviżjoni tal-programm pluriennali għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 19*

**Programmi annwali**

1. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa l-1 ta' Lulju ta' kull sena, stima ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-sena ta' wara mit-total ta' approprijazzjonijiet allokati taħt il-proċedura baġitarja annwali, ikkalkolati kif previst fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm pluriennali u li jkun jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali;

(ċ) it-taqsim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn id-diversi azzjonijiet tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex ikopri assistenza teknika taħt l-Artikolu 15 għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

4. Meta teżamina l-abbozz tal-programm annwali ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' l-ammont finali ta' l-approprjazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura baġitarja.

Fi żmien xahar mill-preżentazzjoni formali ta' l-abbozz tal-programm annwali, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat jekk jistax jiġi approvat. Jekk l-abbozz tal-programm annwali ma jkunx konsistenti mal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha tistieden lil dak l-Istat Membru biex jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm annwali kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali, sa l-1 ta' Marzu tas-sena konċernata. Id-deċiżjoni għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat u l-perjodu li għalih l-infiq huwa eliġibbli.

*Artikolu 20*

**Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm pluriennali**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-linji gwida strateġiċi u fejn meħtieġ, tadotta linji gwida strateġiċi riveduti għall-perjodu mill-2011 sa l-2013, sal-31 ta' Marzu 2010.

2. Jekk jiġu adottati tali linji gwida strateġiċi riveduti, kull Stat Membru għandu jeżamina l-programm pluriennali tiegħu mill-ġdid u fejn xieraq, jirrevedih.

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 17 dwar it-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-tħejjija u l-approvazzjoni ta' dawn il-programmi pluriennali riveduti.

4. Il-linji gwida strateġiċi riveduti għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

KAPITOLU V

**SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL**

*Artikolu 21*

**Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta tali regoli ta' implimentazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa.

*Artikolu 22*

**Prinċipji ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi pluriennali stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu għal:

(a) id-definizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi konċernati fil-ġestjoni u l-kontroll u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan kull korp;

(b) ir-rispett tal-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan tali korpi;

(ċ) riżorsi adegwati għal kull korp jew dipartiment biex iwettaq il-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lilu matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond;

(d) proċeduri biex tiġi żgurata l-korrettezza u r-regolarità ta' l-infiq iddikjarat taħt il-programmi annwali;

(e) sistemi affidabbli ta' kontabbiltà, sorveljanza u rappurtar finanzjarju f'għamla kompjuterizzata;

(f) sistema ta' rappurtar u monitoraġġ fejn il-korp responsabbli jafda l-esekuzzjoni tal-kompiti lil korp ieħor;

(g) manwali tal-proċeduri fir-rigward tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu;

(h) arranġamenti għall-verifika tal-funzjonament tas-sistema;

(i) sistemi u proċeduri biex jiġi żgurat rekord adegwat ta' transazzjonijiet;

(j) proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ għal irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsin indebitament.

*Artikolu 23*

**Ħatra ta' awtoritajiet**

1. Għall-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-programmi annwali tiegħu l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: korp funzjonali ta' l-Istat Membru jew awtorità pubblika nazzjonali jew korp maħtur mill-Istat Membru jew korp irregolat mil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li għandu missjoni ta' servizz pubbliku, li għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' programm pluriennali u programmi annwali appoġġati mill-Fond u li għandu jittratta l-komunikazzjonijiet kollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità ta' ċertifika: awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, jew individwu li jaġixxi bħala tali korp jew awtorità, maħtur mill-Istat Membru biex jiċċertifika d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq qabel jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(ċ) awtorità ta' verifika: awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, sakemm ikun funzjonalment indipendenti mill- awtorità responsabbli u mill-awtorità ta' ċertifika, maħtur mill-Istat Membru u responsabbli għall-verifika tat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(d) fejn xieraq, awtorità delegata.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' dawk l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Soġġett għall-Artikolu 22(b), uħud mill-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew kollha kemm huma jistgħu jkunu fi ħdan l-istess korp.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 22 sa 28 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 24*

**Awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Għandu:

(a) jkollha personalità ġuridika, ħlief fejn ikun korp funzjonali ta' l-Istat Membru;

(b) ikollha l-infrastruttura meħtieġa għal komunikazzjoni faċli ma' firxa wiesgħa ta' utenti u mal-korpi responsabbli fl-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni;

(ċ) taħdem f'kuntest amministrattiv li jippermettilha twettaq il-kompiti tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe konflitt ta' interess;

(d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli ta' ġestjoni tal-fond tal-Komunità;

(e) ikollha kapaċitajiet finanzjarji u ta' ġestjoni li jkunu proporzjonati għall-volum tal-fondi Komunitarji li hija tintalab tamministra;

(f) ikollha għad-dispożizzjoni tagħha persunal bi kwalifiki professjonali adatti u ħiliet lingwistiċi għal xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-finanzjament adegwat biex din tkun tista' tkompli l-kompiti tagħha sew u mingħajr waqfien matul il-perjodu kollu mill-2007 sa l-2013.

3. Il-Kummissjoni tista' tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-persunal, b'mod partikolari rigward l-applikazzjoni tajba tal-Kapitoli V sa IX ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 25*

**Kompiti ta' l-awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Hija għandha b'mod partikolari:

a) tikkonsulta l-imsieħba skond l-Artikolu 10;

b) tissottometti lill-Kummissjoni l-proposti għall-programmi pluriennali u annwali li għalihom jirreferu l-Artikoli 17 u 19;

(ċ) toħloq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' ġestjoni maħturin mill-Istat Membru għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet taħt il-FSE u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati;

(d) torganizza u tirreklama sejħiet għal offerti u proposti, kif xieraq;

(e) torganizza l-għażla ta' proġetti u aġġudikazzjoni għall-ko-finanzjament taħt il-Fond skond il-kriterji mniżżlin fl-Artikolu 13(5);

(f) tirċievi l-ħlasijiet imwettqa mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji finali;

(g) tiżgura konsistenza u komplementarjetà bejn il-ko-finanzjament taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji rilevanti oħra;

(h) timmonitorja l-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi ko-finanzjati u tikkontrolla li l-infiq iddikjarat għall-azzjonijiet ikun fil-fatt sar u jkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(i) tiżgura li jkun hemm sistema li tkun tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata rekords ta' kontabilità għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali u li tinġabar id-data dwar l-implimentazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni finanzjarja;

(j) tiżgura li l-benefiċjarji finali u l-korpi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond iżommu sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha relatati ma' l-azzjoni, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali tal-kontabilità;

(k) tiżgura li l-evalwazzjonijiet tal-Fond imsemmijin fl-Artikolu 47 jitwettqu fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 48 (2) u jkunu jilħqu l-istandards ta' kwalità miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(l) tistabbilixxi proċeduri biex jiġi żgurat li d-dokumenti kollha dwar infiq u verifiki, meħtieġa biex jiġi żgurat rekord adegwat ta' transazzjonijiet, jinżammu skond il-ħtiġiet msemmijin fl-Artikolu 41;

(m) tiżgura li l-awtorità ta' verifika tirċievi, għall-finijiet li jitwettqu l-verifiki definiti fl-Artikolu 28(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar proċeduri ta' ġestjoni li jintużaw u dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Fond;

(n) tiżgura li l-awtorità ta' ċertifika tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri u l-verifiki li jkunu twettqu fir-rigward ta' l-infiq għall-fini ta' ċertifikazzjoni;

(o) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti ta' progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali, dikjarazzjonijiet dwar l-infiq iċċertifikati mill-awtorità ta' ċertifika u talbiet għal ħlas jew fejn adatt dikjarazzjonijiet ta' rimborż;

(p) twettaq attivitajiet ta' informazzjoni u konsultattivi; u xxerred ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġati;

(q) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn;

(r) tivverifika l-implimentazzjoni mill-benefiċjarji finali tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 31(6).

2. L-attivitajiet ta' ġestjoni ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmijin fl-Artikolu 15.

*Artikolu 26*

**Delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità responsabbli**

1. Fejn il-kompiti kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, jiġu delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi b'mod preċiż il-kamp ta' applikazz-
joni tal-kompiti delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24.

2. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-forniment ta' informazzjoni regolari lill-awtorità responsabbli dwar il-prestazz-
joni effettiva tal-kompiti delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

*Artikolu 27*

**Awtorità ta' ċertifika**

1. L-awtorità ta' ċertifika għandha:

(a) tiċċertifika li:

(i) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi affidabbli ta' kontabilità u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli;

(ii) l-infiq iddikjarat ikun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u jkun sar għall-azzjonijiet magħżulin skond il-kriterji applikabbli għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(b) tiżgura għall-finijiet ta' ċertifikazzjoni li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqin fir-rigward ta' l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq;

(ċ) tieħu kont tal-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu twettqu minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika;

(d) iżżomm rekords ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata ta' l-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni;

(e) tivverifika l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjament Komunitarju li jinstab li tħallas indebitament bħala riżultat ta' irregolaritajiet li jiġu identifikati, flimkien ma' l-imgħax fejn ikun il-każ;

(f) filwaqt li żżomm kont ta' l-ammonti rekuperabbli u ammonti rkuprati taħt il-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-ammonti rkuprati, fejn huwa possibbli billi dawn jitnaqqsu mid-dikjarazzjoni ta' l-infiq li jmiss.

2. L-attivitajiet ta' l-awtorità ta' ċertifika relatati mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 15, dment li l-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 23, jiġu rispettati.

*Artikolu 28*

**Awtorità ta' verifika**

1. L-awtorità ta' verifika għandha:

(a) tiżgura li l-verifiki jitwettqu biex jiġi vverifikat il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) tiżgura li jsiru l-verifiki ta' l-azzjonijiet abbażi ta' kampjun xieraq biex tivverifika l-infiq iddikjarat; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % ta' l-infiq eliġibbli kollu għal kull programm annwali;

(ċ) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm pluriennali, strateġija ta' verifika li tkopri l-korpi li se jwettqu l-verifiki msemmijin taħt is-subparagrafi a) u b), biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji ewlenin tal-ko-finanzjament mill-Fond jiġu vverifikati u li l-verifiki jkunu mifruxin b'mod bilanċjat matul il-perjodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Fejn l-awtorità ta' verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità ta' verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE, Nru 574/2007/KE u Nru 575/2007/KE, jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija waħda ta' verifika kombinata taħt il-paragrafu 1(ċ).

3. Għal kull programm annwali, l-awtorità ta' verifika għandha tabbozza rapport li għandu jinkludi:

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki mwettqin skond l-istrateġija ta' verifika fir-rigward tal-programm annwali u li jirrapporta kwalunkwe nuqqas li jkun instab fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm;

(b) opinjoni, abbażi tal-kontrolli u l-verifiki li jkunu twettqu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika, dwar jekk il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll ikunx jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ippreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari;

(ċ) dikjarazzjoni li tivvaluta l-validità tat-talba għal ħlas jew id-dikjarazzjoni ta' rimborż tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità ta' l- infiq konċernat.

4. L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-ħidma ta' verifika tieħu kont ta' l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-verifika relatata mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri tista' tiġi ffinanzjata taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmijin fl-Artikolu 15, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità tal-verifika kif deskritt fl-Artikolu 23 jiġu rispettati.

KAPITOLU VI

**RESPONSABBILTAJIET U KONTROLLI**

*Artikolu 29*

**Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw ġestjoni finanzjarja soda tal-programmi pluriennali u annwali kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kwalunkwe awtorità delegata, l-awtoritajiet ta' ċertifika, l-awtoritajiet ta' verifika u kwalunkwe korp ieħor konċernat jirċievu gwida adegwata dwar l-istabbiliment tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll msemmijin fl-Artikoli 22 sa 28 biex jiġi żgurat li l-finanzjament Komunitarju jintuża b'mod effiċjenti u korrett.

3. L-Istati Membri għandhom jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni informata dwar il-progress li jkun sar fil-proċedimenti amministrattivi u legali.

Meta ammonti mħallsa indebitament lill-benefiċjarju finali ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun responsabbli biex jirrimborża l-ammonti mitlufin lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea meta jiġi stabbilit li t-telf ikun iġġarrab minħabba nuqqas jew negliġenza tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-verifiki ta' ġestjoni u kontroll jiġu implimentati b'tali mod li jiggarantixxi li l-fondi Komunitarji jintużaw sew u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 30*

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

1. Qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm pluriennali, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 22 sa 28. Huma għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul il-perjodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Flimkien ma' l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni deskrizz-

joni ta' l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet ta' ċertifika, u s-sistemi ta' verifika interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawk l-awtoritajiet u korpi, fl-awtorità ta' verifika, u fi kwalunkwe korp ieħor li jwettaq il-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tar-rapport għall-perjodu mill-2007 sa l-2013, imniżżel fl-Artikolu 48(3).

*Artikolu 31*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 22 sa 28, u abbażi tar-rapporti ta' verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul il-perjodu tal-programmazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jitwettqu mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu kontrolli fuq il-post biex jivverifikaw il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, li jistgħu jinkludu verifiki fuq azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali, b'notifika ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jwettaq kontroll fuq il-post biex jivverifika l-funzjonament korrett tas-sistemi jew il-korrettezza ta' transazzjoni waħda jew aktar. Uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond jingħataw informazzjoni, pubbliċità u segwitu xierqa.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, linji ta' politika, strumenti u inizjattivi Komunitarji rilevanti oħrajn.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 32*

**Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-verifika ta' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet ta' verifika biex tikkoordina l-pjanijiet u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom u għandha minnufih tiskambja r-riżultati tal-verifiki mwettqin fuq is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll sabiex isir l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi ta' kontroll u biex jiġi evitat xogħol dupplikat mhux ġustifikat.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha dwar l-istrateġija ta' verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 28 sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tkun irċevietha.

2. Meta tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi annwali li hija tikkunsidra sodisfaċenti abbażi ta' l-għarfien eżistenti tagħha tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li hija tista' tafda prinċipalment fl-evidenza ta' verifika pprovduta mill-Istati Membri u li hija ser twettaq il-kontrolli tagħha fuq il-post biss jekk ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqasijiet fis-sistemi.

KAPITOLU VII

**ĠESTJONI FINANZJARJA**

*Artikolu 33*

**Eliġibbiltà – dikjarazzjonijiet ta' l-infiq**

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha ta' l-infiq għandhom jinkludu l-ammont ta' l-infiq li jkun sar mill-benefiċjarji finali biex jimplimentaw l-azzjonijiet u l-kontribuzzjoni li tikkorrespondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. L-infiq għandu jkun jikkorrespondi għall-ħlasijiet li jkunu saru mill-benefiċjarji finali. Dan għandu jkun ġustifikat b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità ta' valur ekwivalenti.

3. L-infiq jista' jiġi kkunsidrat bħala eliġibbli għal appoġġ mill-Fond biss jekk ikun effettivament imħallas mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 19(4). L-azzjonijiet ko-finanzjati ma jridux ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

B'eċċezzjoni, il-perjodu li għalih l-infiq hu eliġibbli għandu jkun iffissat għal tliet snin għall-infiq li jimplimenta l-azzjonijiet appoġġati taħt il-programmi annwali ta' l-2007.

4. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà ta' l-infiq fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati ko-finanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 34*

**Kompletezza ta' ħlas lil benefiċjarji finali**

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-awtorità responsabbli tiżgura li l-benefiċjarji finali jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi malajr kemm jista' jkun. L-ebda ammont m'għandu jitnaqqas jew jinżamm, lanqas m'għandha titħallas xi imposta speċifika ulterjuri jew imposta oħra b'effett ekwivalenti li tnaqqas dawn l-ammonti għall-benefiċjarji finali, sakemm il-benefiċjarji finali jissodisfaw il-ħtiġiet kollha rigward l-eleġibbiltà ta' l-azzjonijiet u l-ispejjeż.

*Artikolu 35*

**L-użu ta' l-euro**

1. L-ammonti mniżżlin fl-abbozz tal-programmi pluriennali u annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fl-Artikoli 17 sa 19 rispettivament, id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati ta' l-infiq, it-talbiet għal ħlas imsemmijin fl-Artikolu 25(1)(o) u l-infiq imsemmi fir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 37(4) u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 49 għandhom jidhru f'euro.

2. Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li japprovaw il-programmi annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 19(4), l-impenji tal-Kummissjoni u l-ħlasijiet tal-Kummissjoni għandhom jidhru u jitwettqu f'euro.

3. L-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data tat-talba għal ħlas għandhom jikkonvertu f'euro l-ammonti ta' l-infiq li jsir fil-munita nazzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi konvertit f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabbiltà mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu l-infiq ikun iddaħħal fil-kontijiet ta' l-awtorità responsabbli tal-programm konċernat. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata elettronikament kull xahar mill-Kummissjoni.

4. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni mniżżla fil-paragrafu 3 għandha tkompli tapplika għall-infiq kollu reġistrat fil-kontijiet mill-awtorità ta' ċertifika qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata fissa ta' konverżjoni bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

*Artikolu 36*

**Impenji**

L-impenji baġitarji tal-Komunità għandhom isiru b'mod annwali abbażi tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li tapprova l-programm annwali msemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 19(4).

*Artikolu 37*

**Ħlasijiet – Pre-finanzjament**

1. Ħlasijiet mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond għandhom isiru skond l-impenji tal-baġit.

2. Il-ħlasijiet għandhom ikunu forma ta' pre-finanzjament u ta' ħlas tal-bilanċ. Huma għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. L-ewwel ħlas ta' pre-finanzjament li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

4. It-tieni ħlas ta' pre-finanzjament għandu jsir sa mhux iżjed tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat, fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni formali ta' talba għal ħlas minn Stat Membru, rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u dikjarazzjoni ċċertifikata ta' l-infiq imfassla skond l-Artikolu 27(1)(a) u l-Artikolu 33 li jammonta għal mill-inqas 60 % ta' l-ammont tal-ħlas inizjali.

L-ammont tat-tieni ħlas ta' pre-finanzjament imwettaq mill-Kummissjoni m'għandux jeċċedi l-50 % ta' l-ammont totali allokat mid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali u, fi kwalunkwe każ, fejn Stat Membru impenja nazzjonalment ammont inqas mill-ammont indikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi Komunitarji li jkun ġie fil-fatt impenjat mill-Istat Membru għall-proġetti magħżulin taħt il-programm annwali bit-tnaqqis ta' l-ewwel ħlas ta' pre-finanzjament.

5. Kwalunkwe imgħax iġġenerat mill-ħlasijiet ta' pre-finanzjament għandu jiġi assenjat lill-programm konċernat, u kkunsidrat bħala riżors għall-Istat Membru bħala kontribuzzjoni pubblika nazzjonali u għandu jiġi ddikjarat lill-Kummissjoni fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq relatata mar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali konċernat.

6. L-ammonti mħallsin bħala pre-finanzjament għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

*Artikolu 38*

**Ħlasijiet tal-bilanċ**

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm hija tkun irċeviet id-dokumenti li ġejjin sa mhux iżjed tard minn disa' xhur wara t-terminu perentorju ta' l-eleġibbiltà għall-infiq stabbilit fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali:

(a) dikjarazzjoni ċċertifikata ta' l-infiq imfassla skond l-Artikoli 27(1) punti (a) u l-Artikolu 33 u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni ta' rimborż;

(b) ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali, kif imniżżel fl-Artikolu 49;

(ċ) ir-rapport ta' verifika annwali, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni previsti fl-Artikolu 28(3).

Il-ħlas tal-bilanċ għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjarazzjoni li tivvaluta l-validità tat-talba għall-ħlas tal-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data ta' l-għeluq u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tħassar kwalunkwe parti mill-impenn tal-baġit tal-programm annwali korrispondenti li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-pre-finanzjament.

3. Il-proċedura ta' kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti konċernati, fejn proċedimenti legali jew appell amminstrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom għaddejjin fil-livell ta' Stat Membru meta d-dokumenti definiti fil-paragrafu 1 jiġu ppreżentati. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie sottomess, għandu jagħti informazzjoni dettaljata dwar tali proġetti, u jibgħat rapporti dwar progress li jkun sar fir-rigward ta' dawn il-proġetti kull sitt xhur. Fi żmien tliet xhur mill-konklużjoni tal-proċedimenti legali jew il-proċedura ta' appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti konċernati.

4. Il-perjodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jieqaf milli jiddekorri jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tkun tissospendi l-pagamenti tal-ko-finanzjament għall-programm annwali rilevanti skond l-Artikolu 40. Il-perjodu għandu jibda għal darb'oħra mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 40(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39, fi żmien sitt xhur mir-riċeviment tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut mill-Kummissjoni bħala li għandu jinġarr mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja li tkun ġejja mid-differenza bejn l-infiq iddikjarat u l-infiq rikonoxxut. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tal-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut bħala li għandu jinġarr mill-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn l-infiq finali rikonoxxut u s-somom li jkunu diġà tħallsu lil dak l-Istat Membru.

7. Soġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din taċċetta d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1. Il-bilanċ ta' l-impenn baġitarju għandu jkun diżimpenjat sitt xhur wara li jkun sar il-ħlas.

*Artikolu 39*

**Żamma tal-ħlas**

1. It-terminu perentorju għall-ħlas għandu jiġi interrott mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega fis-sens tar-Regolament Finanzjarju għal perjodu massimu ta' sitt xhur jekk:

(a) f'rapport ta' korp ta' verifika nazzjonali jew Komunitarju jkun hemm provi li jissuġġerixxu defiċjenza sinifikattiva fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;

(b) dak l-uffiċjal ikollu jwettaq verifiki addizzjonali wara li jkun notifikat b'informazzjoni li turieh li l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta.

2. L-Istat Membru u l-awtorità responsabbli għandhom jiġu informati minnufih dwar ir-raġunijiet għaż-żamma tal-pagament. il-ħlas għandu jinżamm sakemm il-miżuri neċessarji jittieħdu mill-Istat Membru.

*Artikolu 40*

**Sospensjoni tal-ħlas**

1. Il-ħlasijiet kollha tal-pre-finanzjament u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jiġu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

(a) jkun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li jaffettwa l-affidabbiltà tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħlasijiet u li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

(b) l-infiq f'dikjarazzjoni ċċertifikata ta' l-infiq ikun marbut ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet ikkoreġuta; jew

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 29 u 30.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-ħlasijiet tal-pre-finanzjament u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perjodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm **is**-sospensjoni tal-ħlasijiet tal-pre-finanzjament u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex **is**-sospensjoni tkun tista' titneħħa.

4. Fejn l-Istat Membru ma jieħux il-miżuri neċessarji, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex tikkanċella l-kontri-buzz-
joni Komunitarja kollha jew parti minnha għall-programm annwali, skond l-Artikolu 44.

*Artikolu 41*

**Konservazzjoni tad-dokumenti**

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li d-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward l-infiq u l-verifiki tal-programmi konċernati jinżammu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri għal perjodu ta' ħames snin wara l-għeluq tal-programmi skond l-Artikolu 38(1).

Dan il-perjodu għandu jiġi interrott fil-każ ta' proċedimenti legali jew fuq talba debitament motivata tal-Kummissjoni.

Id-dokumenti għandhom jinżammu fil-forma oriġinali tagħhom jew f'verżjonijiet iċċertifikati bħala konformi ma' l-oriġinali f'mezzi ta' żamma ta' data ġeneralment aċċettati.

KAPITOLU VIII

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 42*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom fl-ewwel istanza jkunu responsabbli għall-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, billi jaġixxu fuq l-evidenza ta' kwalunkwe bidla maġġuri li taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' programmi u jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istat Membru għandu jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa f'konnessjoni ma' irregolaritajiet individwali jew sistematiċi identifikati fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali.

Korrezzjonijiet mwettqa mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni, u jekk applikabbli, l-irkupru tal-kontribuzzjoni Komunitarja kollha jew ta' parti minnha. Fejn l-ammont ma jiġix imħallas fiż-żmien permess mill-Istat Membru rilevanti, għandu jkunu dovut imgħax minħabba nuqqas ta' ħlas bir-rata prevista fl-Artikolu 45(2). L-Istat Membru għandu jieħu kont tan-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistemiċi l-Istat Membru relevanti għandu jestendi l-inkjesti tiegħu biex ikopru l-operazzjonijiet li jistgħu jiġu affettwati.

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 49 lista ta' proċedimenti ta' kanċellazzjoni mibdija għall-programm annwali konċernat.

*Artikolu 43*

**Verifika ta' kontijiet u korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-kontrolli mwettqin mill-Istati Membri skond liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, dwar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll b'notifika ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri konċernati bil-ħsieb li tikseb l-assistenza kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru konċernat iwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda jew iżjed mit-transazzjonijiet. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 29, hija għandha tissospendi l-ħlas tal-prefinanzjament jew tal-bilanċ skond l-Artikolu 40.

*Artikolu 44*

**Kriterji għall-korrezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tikkanċella l-kontribuzzjoni Komunitarja kollha jew parti minnha għal programm annwali fejn, wara li jitwettaq l-eżami meħtieġ, hija tikkonkludi li:

(a) hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni Komunitarja li tkun diġà tħallset lill-programm;

(b) l-infiq imsemmi f'dikjarazzjoni ċċertifikata ta' l-infiq ikun irregolari u ma jkunx ġie ikkoreġut mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 29 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun ħadet kont ta' kwalunkwe kumment imwettaq mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati, filwaqt li tieħu kont tan-natura sistemika ta' l-irregolarità biex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa jew korrezzjoni estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkun relatat ma' dikjarazzjoni ta' l-infiq li għaliha tkun ingħatat assigurazzjoni raġonevoli preċedentement mill-awtorità tal-verifika skond l-Artikolu 28(3)(b), jiġi preżunt li hemm problema sistemika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur li tirribatti din il-preżunzjoni.

3. Meta tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' l-importanza ta' l-irregolarità u l-limitu u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm annwali konċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru konċernat taħt l-Artikolu 30, ir-rapporti ta' irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

*Artikolu 45*

**Ħlas lura**

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali talta' l-Unjoni Ewropea għandu jsir qabel id-data ta' skadenza indikata fl-ordni għall-irkupru li tkun tfasslet skond l-Artikolu 72 tar-Regolament Finanzjarju. Din id-data ta' l-għeluq għandha tkun l-aħħar jum tat-tieni xahar wara l-ħruġ ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien tal-ħlas lura għandu jwassal għal imgħax ta' ħlas tard, li jibdew fid-data ta' l-għeluq u jintemmu fid-data ta' meta fil-fatt isir il-ħlas. Ir-rata ta' tali imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data ta' l-għeluq, biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.

*Artikolu 46*

**Obbligi ta' l-Istati Membri**

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 42.

KAPITOLU IX

**MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U RAPPORTI**

*Artikolu 47*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Fond f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fi sħubija ma' l-Istati Membri biex jiġu vvalutati r-rilevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 2 fil-kuntest tat-tħejjija għar-rapporti mniżżla fl-Artikolu 48(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk issuktati taħt linji politiċi, strumenti u inizjattivi rilevanti oħra tal-Komunità.

*Artikolu 48*

**Obbligi ta' rappurtar**

1. F'kull Stat Membru, l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti.

Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu biex jiġu sottomessi rapporti regolari u dettaljati dwar l-istat ta' progress ta' l-implimentazzjoni u l-kompletezza ta' l-objettivi assenjati li għandhom ikunu, rispettivament, il-bażi tar-rapporti ta' progress u r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2012 għall-perjodu mill-2007 sa l-2010 u t-30 ta' Ġunju 2015 għall-perjodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt ta' azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond;

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2009, rapport dwar u reviżjoni ta' l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14 għat-taqsim annwali bejn l-Istati Membri, flimkien mal-proposti dwar l-emendi jekk ikun meħtieġ;.

(b) sat-31 ta' Diċembru 2010, rapport intermedju dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond, flimkien ma' proposta dwar l-iżvilupp ġejjieni tal-Fond;

(ċ) sat-31 ta' Diċembru 2012 għall-perjodu mill-2007 sa l-2010 u l-31 ta' Diċembru 2015 għall-perjodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni *ex post*.

*Artikolu 49*

**Rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali**

1. Ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja sabiex jagħti stampa ċara ta' l-implimentazzjoni tal-programm:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u operattiva tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-prijoritajiet tiegħu fir-rigward tal-miri speċifiċi u verifikabbli tiegħu, bi kwantifikazzjoni, kulfejn u kulmeta dawn iwasslu għal kwantifikazzjoni, ta' l-indikaturi;

(ċ) il-passi meħudin mill-awtorità responsabbli biex tiżgura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, b'mod partikolari:

(i) miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li jinkludu arranġamenti għall-ġbir ta' data;

(ii) taqsira dwar kwalunkwe problema sinifikattiva li tkun inqalet fl-implimentazzjoni tal-programm operattiv u kwalunkwe miżura li tkun ittieħdet;

(iii) l-użu magħmul mill-assistenza teknika.

(d) il-miżuri meħudin biex tingħata informazzjoni dwar u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u pluriennali.

2. Ir-rapport għandu jiġi ġġudikat bħala aċċettabbli meta hu jkun fih l-informazzjoni kollha elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-kontenut tar-rapport sottomess mill-awtorità responsabbli fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, li għandha tiġi mgħarrfa lill-Istati Membri. Jekk il-Kummissjoni ma tirrispondix fit-terminu ta' żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies li ġie aċċettat.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI**

*Artikolu 50*

**It-tħejjija għall-programm pluriennali**

1. B'deroga mill-Artikolu 17, l-Istati Membri għandhom:

(a) mill-aktar fis possibbli wara d-29 ta' Ġunju 2007 iżda mhux aktar tard mill-14 ta' Lulju 2007, jaħtru l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fl-Artikolu 24(1)(a), kif ukoll, fejn xieraq, l-awtorità delegata;

(b) sa l-1 ta' Mejju 2007, jissottomettu d-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll imsemmijin fl-Artikolu 31(2).

2. Sal-31 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri bi:

(a) stima ta' l-ammonti allokati lilhom għas-sena finanzjarja 2007;

(b) stimi ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-snin finanzjarji mill-2008 sa l-2013, abbażi ta' estrapolazzjoni tal-kalkolu għall-istima għas-sena finanzjarja 2007, b'kunsiderazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet annwali proposti għas-snin mill-2007 sa l-2013 kif imniżżlin fil-Qafas Finanzjarju.

*Artikolu 51*

**It-tħejjija għall-programmi annwali 2007 u 2008**

1. B'deroga mill-Artikolu 19, l-iskeda ta' żmien li ġejja għandha tapplika għall-implimentazzjoni fis-sena finanzjarja 2007:

(a) sal-31 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri stima ta' l-ammonti allokati lilhom għas-sena finanzjarja 2007;

(b) sa l-1 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programmi annwali għall-2007 lill-Kummissjoni;

(ċ) sa l-1 ta' Mejju 2008, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm annwali għall-2008 lill-Kummissjoni.

2. Fir-rigward tal-programm annwali għall-2007, l-infiq li fil-fatt isir bejn l-1 ta' Jannar 2007 u d-data li fiha d-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali ta' l-Istat Membru kkonċernat tkun adottata, jista' jikkwalifika għal appoġġ mill-Fond.

3. Sabiex tippermetti l-adozzjoni fl-2008 ta' deċiżjonijiet finanzjarji, li japprovaw il-programm annwali għall-2007, il-Kummissjoni għandha tfassal l-impenn baġitarju Komunitarju għall-2007 abbażi ta' l-istima ta' l-ammont li għandu jiġi allokat lill-Istati Membri, ikkalkulat kif previst fl-Artikolu 12.

KAPITOLU XI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 52*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat komuni "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 574/KE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-"Kumitat").

2. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Artikolu 53*

**Reviżjoni**

Il-Kunsill għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 54*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 55*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SCHAVAN